# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Novembru 2000 - Nru. 823






# X' qed nagħmlu kontra l-vizzju tad-droga?



# LITTLEWOOD WOODWORKS LTD.




N.B. Telegraph Street, Nadur, Gozo, NDR 102, Malta. Tel: 551629 Fax: 564233

## f' din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Għawdex 300 mit sena ilu – Attenzjoni fejn titfa' s-sikrana • 9
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista - Il-Fondazzjoni OASI • 12
Siltiet mid-Dokument "Dominus Jesus" • 16
Novembru u l-Kult tal-Mejtin • 18
Id-dmugħ tal-Madonna ta' Siracusa • 21
Sitt Vokazzjonijet ġodda fis-Seminarju t'Għawdex • 24
Ta' Pinu f'Ruma • 25
Dun Ġorġ bħala predikatur • 26
Beatifikazzjoni li tolqotna mill-qrib • 27
Il-libertà reliġjuża fil-kors ta' l-istorja tal-Knisja • 28
Ix-Xjuħ fil-Folklor Għawdxi (It-tieni parti) • 30
Wirt gżiritna : Sejbiet f'Għawdex • 34
Int u saħħtek - Il-Kolesterol (2) • 36
Bookmark • 39
Għawdex Sportiv • 40
Mid-Dinja Teknoloġika • 42



**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
**Ħarġa nru. 823**

**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 560496/7 Fax. 561860**
**e-mail: lumenchristi@gozodirect.com**
**homepage:**
**http://www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament : Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata:** ***Lumen Christi Media Centre***
**Stampata:** ***"Gozo Press" Għajnsielem, Għawdex***
*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fl-15 ta' Ottubru 2000.*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
Ħidma ta' l-OASI f'Għawdex

(Ara l-intervista f'paġna 12)

# EDITORJAL




## ĦAJJA U MEWT

*Għall-bniedem nisrani l-ikbar żewġ fenomeni huma l-ħajja u l-mewt. Novembru jurina dan għax minnhom it-tnejn tiddependi l-eternità.*

*Il-ħajja don t'Alla li ħadd m'għandu jedd imiss għax biex iħarisha u jseddaqha. Hemm il-kmandament t'Alla: "La toqtolx". Illum il-Knisja Kattolika, quddiem mentalità edonistika u argumenti ħerġin minn din il-mentalità, ma tehdiex tirsisti li l-ħajja hija sagra u ma tistax timmanipulaha jew tagħmlilha ħsara, mill-bidu tagħha fil-konċepiment sa l-aħħar nifs li jwassal għall-mewt.*

*Dan l-aħħar inqala' l-każ tas-"Siamese twins" li qanqal il-kurżità ta' ħafna anki barra minn pajjiżna, u nqalgħu ħafna kwistjonijiet legali dwar il-ħajja u l-mewt tagħhom jew ta' waħda minnhom. Il-mass media xxalaw jagħtu aħbarijiet sensazzjonali. Xi kittieba hedew iħażżu l-opinjonijiet tagħhom bla ma jagħtu każ tal-liġi t'Alla – "La toqtolx". Il-qorti Ingliża segwiet il-liġi u l-konswetudni tal-post. Imma l-ġenituri tat-trabi u l-Isqof Cauchi, b'responsabbiltà quddiem Alla ddefendew id-dritt għall-ħajja skond il-kmandament tad-dekalogu: "La toqtolx". Ma setgħux jiddeċiedu mod ieħor bħala nsara. Is-setgħa fuq il-ħajja umana, mixtieqa jew le, f'saħħitha jew dgħajfa, normali jew mhix hija biss f'idejn Alla Sid il-ħajja. Ħadd, l-anqas l-awtorità ċivili, ma jista' jimmanipola jew jeqred il-ħajja, la fil-bidu taghha u l-anqas lejn it-tmiem. Anki meta l-mewt tista' ġġib serħan għal dak li jkun għax jeħles minn tbatijiet kbar għalih innifsu jew għal oħrajn, jew inkella tkun tfisser ħajja aħjar għal ħaddieħor. Qtil bħal dan huwa kontra l-liġi t'Alla.*

*Kull individwu jitwieled biex meta tiġi l-mewt tal-ġisem jidħol fl-eternità. Dan it-twemmin jidher ċar anki fil-kultura tagħna bħala nsara: kif fiċ-ċimiterji nqimu l-fdalijiet tal-mejtin tagħna, nagħmlu monumenti b'tifkira tagħhom u nitolbu għalihom. Il-ħajja ma tispiċċax, iżda tinbidel. Il-kobor tal-ħajja u l-mewt jidher sew meta niftakru li dak li għalina jkun miet ikun mar quddiem Alla biex jingħaqad miegħu għal dejjem. Jekk ma nemmnux sħiħ fl-eternità nitilfu kull rispett lejn il-ħajja.*




Seminarista Michael Galea

## Volontarjat b'risq ir-*Respite Centre*



Waqt quddiesa organizzata dan l-aħħar miż-żgħażagħ u bis-sehem ħaj tagħhom, il-Kumitat taż-Żgħażagħ tal-Parroċċa ta' l-Għarb ippreżenta s-somma sabiħa ta' Lm1145 lil Dun Manwel Curmi, Direttur tal-Caritas fid-Djoċesi ta' Għawdex. Din is-somma nġabret waqt maratona ta' attivitajiet b'risq ir-*Respite Centre* li qed jitħejja f'Għajnsielem għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Il-ftuħ uffiċċjali tar-*Respite Centre* ser isir fit-3 ta' Diċembru li ġej. Din il-maratona, mifruxa fuq tlitt ijiem, kienet tikkonsisti f'*bazaar* tal-ħelu u tal-qsari, *carwash*, sparatura fuq il-plattini, *haircutting*, tombla, *barbeque* u diversi lotteriji. Kienet attività li ħolqot interess u entużjażmu mhux biss fiż-żgħażagħ iżda wkoll fin-nies tar-raħal. F'din l-okkażjoni, Dun Manwel irringrazzja liż-żgħażagħ li ħolmu b'din l-attività u awgura li dan l-att ta' solidarjetà ma' persuni li qed ibatu jerġa' jirrepeti ruħu u jkun ikkopjat minn żgħażagħ ta' parroċċi u ċentri oħra.

## Seminar organizzat mill-parroċċa tal-Qala

Bejn it-Tnejn 18 ta' Settembru u l-Ħamis 21 ta' Settembru il-parroċċa tal-Qala organizzat seminar parrokkjali f'Dar Stella Maris iż-Żebbuġ. L-għan ta' dan is-seminar kien li jiffoka fuq tliet suġġetti: il-katekeżi, liturġija u djakonija, li huma meqjusa bħala t-tliet pilastri li fuqhom għanda tinbena l-formazzjoni ta' kull nisrani u kull ħidma pastorali. Diversi kelliema trattaw dawn is-suġetti. F'sessjoni minnhom intervjena wkoll Mons. Isqof li tkellem dwar il-Pjan Pastorali Kwinkwennali li għadu kif ħareġ. Għal dan is-seminar kienu mistiedna il-parruċċani kollha tal-Qala, b'mod speċjali dawk li huma involuti b'mod dirett fil-ħidma tal-parroċċa.

## Seminar tal-Kappillani

Bħas-snin l-imgħoddija, din is-sena sar wkoll is-seminar tal-Kappillani. Dan sar nhar it-Tnejn 25 u t-Tlieta 26 ta' Settembru fin-nofs ta' nhar ta' fil-għodu fil-Kunvent ta' Santu Wistin. It-tema magħżula għal dan is-seminar kienet "Is-Solidarjetà Nisranija". Il-kelliem mistieden kien Dun Jimmy Xerri, missjunarju Għawdxi fil-Brażil.

## Laqgħa għas-Superjuri tar-Reliġjużi

Laqgħa ta' formazzjoni għas-Superjuri ta' l-Ordnijiet reliġjużi nżammet nhar it-Tlieta 26 ta' Settembru fis-sala tas-Seminarju.

## Quddiesa b' suffraġju ta' Mons Emmanuel Mercieca

Nhar it-Tlieta 28 ta' Settembru, għeluq it-30 jum mill-mewt ta' l-Arċipriet Emeritus Mons. Emanuel Mercieca, Mons Isqof mexxa konċelebrazzjoni għar-ruħu fil-Bażilka u Kolleġġjata ta' San Ġorġ.

## L-Isqof iqaddes fl-Iskola tal-Konservatorju

Nhar il-Ġimgħa 29 ta' Settembru l-Isqof iċċelebra

quddiesa fil-kappella tal-Konservatorju għat-tfal studenti ta' din l-iskola li għamlu l-ewwel tqarbina din is-sena, kif ukoll għall-ġenituri tagħhom. Fl-omelija Mons. Isqof tkellem dwar l-anġli kustodji u d-dmirijiet li aħna għanda lejhom.

## Laqgħa għall-irġiel f'Ta' Pinu

Fl- okkażjoni tal-festa ta' San Mikiel saret laqgħa għall-irġiel u l-ġuvintur ta' Għawdex fis-Santwarju Bażilika Ta' Pinu. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof qal li qed ngħixu fi żminijiet ta' sfida fejn il-kultura tal-mewt tidher li qed tegħleb lil dik tal-ħajja. Mons. Isqof għamel referenza għat-tewmin siamisi. Hu qal kif bħalissa l-ġenituri ta' dawn it-tewmin jinsabu assedjati mill-ġurnalisti. Hu qal li l-ġenituri ta' dawn it-tewmin diġà taw xhieda nisranija meta rrifjutaw li jagħmlu l-abort. L-Isqof kompla jsostni li Alla biss għandu s-setgħa tal-ħajja u ebda bniedem ma għandu l-jedd li jiddeċiedi l-mewt ta' persuni nnoċenti.

## Il-ftuħ tas-Sena Akkademika fis-Seminarju Maġġuri

Il-ftuħ tas-sena Akkademika tas-Seminarju Maġġuri sar nhar is-Sibt 30 ta' Settembru, festa ta' San Ġilormu, Duttur tal-Knisja. Is-sena fetħet permezz ta' konċelebrazzjoni mexxija minn Mons. Isqof flimkien mas-superjuri u l-professuri tas-Seminarju. Fl-omelija Mons. Isqof enfassiza ħafna l-importanza tal-formazzjoni tas-seminaristi f'kull aspett tagħha.

## Laqgħa għaż-Żelatriċi tal-Missjoni

Nhar il-Ħadd l-1 t' Ottubru saret laqgħa għaż-żelatriċi tal-Missjonijiet li jieħdu ħsieb it-tqassim tar-rivista ***Knisja Missjunarja*** u l-ġbir għall-missjonijiet. Fid-diskors tiegħu l-Isqof kellemhom dwar il-kwalitajiet meħtieġa fil-koperaturi ta' ħidmiet missjunarji. Il-laqgħa ntemmet b'quddiesa ċċelebrata minn Mons. Anton Saliba, Direttur Djoċesan ta' l-OprimMssjunarji Pontifiċji f'Għawdex.

## Jum l-Anzjani

Id-Djoċesi Għawdxija ċċelebrat "Jum l-Anzjani" nhar il-Ħadd l-1 ta' Ottubru. Fil-għodu, fis-Santwarju ta' Pinu, l-Isqof iċċelebra quddiesa għall-anzjani u għal dawk li jieħdu ħsiebhom. Għal din il-quddiesa kienu preżenti wkoll il-Ministru ta' Għawdex u xi deputati parlamentari oħra.

## Żjara mill-isqfijiet Mons. Albano u Mons. Costa tal-Brażil lil Mons. Isqof Cauchi

Nhar it-Tnejn 2 ta' Ottubru l-Isqfijiet Mons. Albano u Mons. Costa, li huwa saċerdot Malti u li qed jaħdem il-Brażil, għamlu żjara lil Mons. Isqof Nikol Cauchi. Huma tkellmu dwar il-possibilità ta' aktar ħidma mis-saċerdoti Għawdxin fil-Brażil.

## L-Isqof Cauchi f'Ruma għall-Ġublew ta' l-Isqfijiet

Nhar il-Ħamis 5 ta' Ottubru l-Isqof ta' Għawdex flimkiem mas-segretarju tiegħu telaq lejn Ruma għall-Ġublew ta' l-Isqfijiet li nżamm mill-Ġimgħa 6 sal-Ħadd 8 ta' l-istess xahar. It-tema magħżula kienet "L-Isqof qaddej tal-Vanġelu ta' Ġesù Kristu għat-tama tad-dinja." Il-Ġimgħa l-Isqof ħa sehem f'ċelebrazzjoni Penitenzjali fil-Bażilka ta' San Ġwann Lateran. Is-Sibt fil-għodu Mons. Isqof attenda għal ċelebrazzjoni missjunarja fil-Bażilka ta' San Paolo Fouri le Mura. Wara attenda għal laqgħa mal-Papa fis-Sala Pawlu VI fil-Vatikan. Fil-għaxija Mons. Isqof attenda għar-reċita tar-rużarju flimkien mal-Papa fi Pjazza San Pietru. Il-Ħadd 8 ta' Ottubru l-Isqof ikkonċelebrat mal-Papa flimkien ma' għadd kbir ta' isqfijiet minn madwar id-dinja kollha.

## *Weekend* ta' formazzjoni għall-*Youth Leaders*

Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ organizzat *weekend* ta' formazzjoni għaż-żgħażagħ li jaħdmu fil-parroċċi u fiċ-ċentri tagħna. Il-*weekend*, li kien immexxi mis-*Salesian Pastoral Youth Service* (SPYS) ta' Malta, sar fil-Kunvent ta' Santu Wistin mill-Ġimgħa 6 sal-Ħadd 8 ta' Ottubru. B'kollox attendew 31 żagħżugħ u tfajla. Dawn il-*weekends*, li l-KDŻ torganizza darbtejn fis-sena, iservu biex iż-żgħażagħ li huma mpenjati fil-pastorali maż-żgħażagħ jagħmlu esperjenza ta' knisja flimkien, jikbru fit-teknika ta' l-animazzjoni pastorali u jitħeġġu aktar fil-ħidma tagħhom fost iż-żgħażagħ Għawdxin.

## Pjan Pastorali Kwinkwennali 2001-2005

Hareġ il-Pjan Pastorali Kwinkwennali għas-snin 2001-2005 bl-isem ***Evanġelizzazzjoni Ġdida fil-bidu ta' Millennju Ġdid***. Fil-messaġġ tiegħu Mons. Isqof qal li permezz tal-katekeżi, il-liturġija u d-djakonija, il-Knisja f'Għawdex tixtieq tkompli twassal il-valuri dejjem ġodda tal-Vanġelu, jekk jista' jkun fir-realtajiet kollha tal-gżira Għawdxija. Huwa kompla jħeġġeġ lill-membri tal-Kleru, lir-reliġjużi u 'l-lajċi sabiex, mhux biss jaqraw u jiddiskutu dan il-pjan, iżda jwettquh fil-konkret.






## XOGĦOL FI SKEJJEL





Fis-6 ta' Settembru, il-Ministru għal Għawdex, is-Sinjura Giovanna Debono, żaret l-Iskejjel Primarji tal-Qala u ta' Sannat fejn, matul is-Sajf, sar xogħol estensiv marbut ma' kostruzzjoni, manutenzjoni u *refurbishment*. Waqt l-istess żjara, il-Ministru tkellmet ma' l-għalliema, ko-ordinaturi u studenti-ħaddiema li organizzaw għal sena oħra SkolaSajf. Hija ltaqgħet ukoll ma' xi tfal li attendew għal din l-iskola tas-Sajf. F'diskors qasir, il-Ministru rringrazzjat lil dawk kollha li ħadmu u qed jaħdmu fil-qasam edukattiv f'Għawdex.

## JUM IL-VITORJA

Iċ-ċelebrazzjonijiet uffiċċjali ta' dan il-Jum Nazzjonali saru nhar il-Ħamis filgħaxija, 7 ta' Settembru, fi Pjazza Indipendenza, Victoria. Saret



*display* mill-Banda tal-Pulizija, qari tal-poeżija *Imħabba u Qlubija* ta' Ġużè Chetcuti, u tqegħid ta' kuruni quddiem il-monument ta' Kristu Re. Id-diskors ta' l-okkażjoni sar minn Dr. Paul Bartolo. Ħa sehem ukoll stakkament ta' suldati iffurmat minn membri Għawdxin tal-Forzi Armati ta' Malta.

## RAPPORT

Nhar it-28 ta' Settembru, f'waħda mis-swali tal-Ministeru għal Għawdex, il-Ministru għal Għawdex ippreżentat lill-istampa ir-rapport ta' ħidma tal-Ministeru tagħha għat-tieni sena ta' din il-leġislatura. Fost l-oħrajn, tħabbar li nstabet

soluzzjoni vijabbli għall-problema kkawżata minn tfigħ illegali ta' radam qrib il-bajja tad-Dwejra. Tqiegħed *weigh-bridge* fid-daħla tax-*Xagħra Refuse Centre* biex l-iskart jintiżen għal skopijiet statistiċi u f'konformità ma' l-avviż legali 128/97. Il-Ministru ħabbret li sa nofs is-sena d-dieħla mistennija joħorġu *tenders* għax-xogħolijiet li jridu jsiru sabiex il-proposta ta' l-istess Ministru lill-Kabinett għall-bini ta' Ċentru Komunali ġewwa Victoria tiġi mplimentata. Punti oħra kienu dwar l-elettriku ġewwa Għawdex, il-qagħda prekarja tat-tempji tal-Ġgantija, *website* għal Għawdex, il-qasam tal-biedja u sajd, kif ukoll il-qasam tas-saħħa. Il-Ministru tkellmet dwar l-edukazzjoni, l-amministrazzjoni, il-*Quality Service Charters*, il-*Gozo Channel*, l-iżvilupp industrijali u ekonomiku, l-isports, l-NGO's, l-anzjani, proġetti, toroq u żvilupp ġenerali f'Għawdex.

## JUM L-ANZJANI

Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji ta' l-Anzjani, l-Uffiċċju għall-Anzjani fil-Ministeru għal Għawdex flimkien mal-Kurja Djoċesana ta' Għawdex organizzaw diversi attivitajiet għall-anzjani Għawdxin. Il-Ġimgħa 29 ta' Settembru, mas-sitt mit anzjan u anzjana attendew *get together* f'Villa Fiorita, Marsalforn. Il-Ħadd, 1 ta' Ottubru, Mons. Isqof Cauchi qaddes għall-anzjani fis-Santwarju ta' Pinu, fejn għamel omelija ta' l-okkażjoni. Preżenti kien hemm ukoll il-Ministru għal Għawdex, Mr. Speaker Anton Tabone u membri parlamentari.

## *MISS GOZO*

Il-Ħamis 5 ta' Ottubru Sue Ellen Vella, *Miss Gozo*, minn Victoria, għamlet żjara ta' kortesija lill-




Ministru għal Għawdex, is-Sinjura Giovanna Debono. *Miss Gozo* kienet akkumpanjata minn Mrs Vivienne Galea Pace, kunsilliera fil-Kunsill Lokali Victoria, George Gatt Mangion, Direttur ta' GM Productions, u ommha, is-sinjura Jane Vella. Il-Ministru ppreżentat bukkett fjuri u ktieb dwar Għawdex lil *Miss Gozo*, waqt li Sue Ellen irreċiprokat b'tifkira ta' l-okkażjoni.

## LABORATORJI ĠODDA

Fil-5 ta' Ottubru l-Ministru għal Għawdex għamlet żjara qasira fl-iskola *Sir M.A. Refalo Centre*



*For Further Studies* fejn kienet għaddejja ħidma intensiva fuq il-laboratorji l-ġodda li nbnew dan l-aħħar. Dan il-proġett jinkludi laboratorju għall-Informatika, laboratorju għall-Fiżika, wieħed għall-Bijoloġija u ieħor għall-użu tal-Kimika.

## PROĠETT TAL-MILLENNJU

Il-Moviment Azzjoni Soċjali nieda l-proġett tal-millennju bit-titlu "*Lejn it-tisħiħ tal-valuri etiċi u kulturali tal-komunità Għawdxija*". Din ir-riflessjoni kollettiva dwar it-tisħiħ ta' l-iżvilupp soċjo-kulturali u morali tal-komunità Għawdxija ser issir fl-oqsma differenti tal-ħajja u l-ħidma tal-komunità, u dan permezz ta' nies esperti f'diversi oqsma. L-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett saret il-Ħadd 8 ta' Ottubru fis-Sala tal-Ministeru għal Għawdex.

## FESTI TITULARI

Il-festa titulari tal-Beata Verġni Marija tal-Patroċinju fil-bażilka ddedikata lilha fl-Għasri ġiet iċċelebrata bejn l-4 u d-9 ta' Ottubru. Il-festa ta' Kristu Sultan kienet iċċelebrata fil-knisja ta' Ġesù Nażżarenu fix-Xagħra bejn it-3 u l-15 ta' Ottubru.

## *CLEAN UP THE WORLD*

Bħas-snin l-imgħoddija, il-Kunsill Lokali tal-Qala reġa' pparteċipa f'din il-Kampanja billi sar tindif fil-bajja popolari ta' Ħondoq ir-Rummien. Dan ġara l-Ġimgħa 13 ta' Ottubru. Il-Kunsill stieden lit-tfal ta' l-Iskola Primarja *President Anton Buttiġieġ*

u xi għaddasa minn diversi ċentri Għawdxin sabiex tingħata tindifa ġenerali lill-qiegħ tal-baħar. Is-sindku Paul Buttiġieġ spjega lit-tfal l-importanza ta' baħar nadif. It-tfal ingħataw *T-shirt* u naddfu l-bajja u l-blat tal-madwar.

**PARKEĠĠ TEMPORANJU**

Wara li matul is-Sajf li għadda ġew miftuħa l-grawnds tal-kumpless ta' skejjel fi Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, bl-iskop li tittaffa l-problema tan-nuqqas ta' spazju għall-parkeġġ, il-Ministru għal Għawdex reġgħet fetħet l-istess postijiet nhar ta' Sibt, nhar ta' Ħadd u fil-festi pubbliċi.

**IL-MINISTRU GĦAL GĦAWDEX ĠEWWA GOTLAND**

Il-Minstru Debono marret Gotland, fl-Isvezja, fejn ikkonkludiet ftehim fuq proġett komuni msejjaħ *Wirtna*. Dan il-proġett se jsir taħt il-programm *Vanort 2001*, u qed jiġi mħejji mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin Svediż. Il-programm se jsir matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 2001, meta l-Isvezja jkollha l-Presidenza ta' l-Unjoni Ewropeja. Il-Gvern Svediż qed jikkontribwixxi 1.1 miljun Krona Svediż għall-proġett bejn Għawdex u Gotland. Dan il-proġett se jikkonsisti f'pubbliċità lill-artiġjanat lokali u *Youth Camp*. Il-Ministru mbagħad marret Ruma u Firenze fejn ħadet sehem f'diversi laqgħat.

**FUTBOL**

Il-*Gozo Inter-Departmental Sports Association* tat bidu għal staġun ieħor ta' futbol bejn dipartimenti tal-Gvern f'Għawdex. Din il-kompetizzjoni ilha tiġi organizzata għal diversi snin.

**ĠEMELLAĠĠI**

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur se jiffirma ftehim ta' ġemellaġġ mal-*Comune* ta' Cicciano fil-provinċja ta' Napli, Italja. Ftehim simili ser isir ukoll bejn il-Kunsill Lokali tal-Qala mal-*Comune* ta' Santa Marina Salina, gżira fit-Tramuntana ta' Sqallija.

**KTIEB ĠDID DWAR GĦAWDEX**

Ġie ppublikat il-ktieb "*Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex 1940–1943*" ta' Frank Bezzina (1925–1996). Il-ktieb ġie rivedut minn Charles Bezzina, iben l-awtur. Huwa maqsum f'żewġ sezzjonijiet u fih mas-sebgħin ritratt. L-ewwel taqsima tħares lejn il-kronoloġija ta' dak li ġara ġurnata b'ġurnata f'Għawdex matul il-Gwerra. It-tieni taqsima titfa dawl fuq il-ħajja soċjali ta' l-Għawdxin.

**MINN GĦAWDEX GĦAL SALINA**

L-artist Għawdxi Paul Stellini tella' esebizzjoni ta' xogħolijiet tiegħu fil-gżira ta' Salina, li tinsab fit-Tramuntana ta' Sqallija. Din il-wirja seħħet bil-kollaborazzjoni ta' Dottor Riccardo Gullo, sindku ta' Santa Maria Salina. Din kienet l-ewwel wirja fl-Ewropa għal dan l-artist żagħżugħ, wara li tella' żewġ esebizzjonijiet fl-Awstralja. Il-kwadri esposti kienu juru xenarji tipiċi tal-kampanja ta' Salina u ta' Għawdex.

NAMASTE
AUTHENTIC INDIAN CUISINE
Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo. Tel: 561619

OFFICE EQUIPMENT
FOR ALL OFFICE SUPPLIES & STATIONARY
Photo Copy Service & Binding
Calculators, Typewriters,
Cash Registers, Fax Machines
12, St Francis Sqr., Victoria - Gozo
Tel: 554052 Fax: 563745

Għawdex 300 sena ilu

Arkivju Nazzjonali Għawdex

Pagna mill-Arkivju Nazzjonali - 89

Riċerka ta'
Joseph Bezzina
©2000

# ATTENZJONI FEJN TITFA' S-SIKRANA

Id-disgħa u tmenin dokument li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hi ordni li għandha x'taqsam mal-qtugħ tas-sikrana mill-għelieqi. Tinsab reġistrata nhar it-23 ta' Mejju, 1700 – tliet mit sena ilu – fit-tmien volum ta' l-*Acta* ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1789), manettà (1699–1700), folju 78r (NAG, UG, *Acta*, 8/1699-1700, f. 78r).

Din li ġejja hi traskrizzjoni tad-dokument:

**Riferisce Vittorio Grech publico precone d'haver ordine dell'Illustrissimo Signor Governatore Cavalliere Fra Francesco du Hamel publicato nei luoghi publici soliti e consueti di quest'Isola del Gozzo haver buttato bando che sotto pena di scudi doi e tarì sei moneta, da chi viscanno mundare dalli suoi terreni l'erba detta vulgarmente sigrana, e oltre a detta pena che non possa esser ricevuto nelli publici magazeni di quest' Università et non altrimenti.**

Tliet mit sena ilu, Vittorio Grech kien il-*precone*, jiġifieri il-banditur ta' l-Universitas. Xogħlu kien li jwaħħal il-bandi ta' l-Universitas fil-postijiet tas-soltu u, wara li jdoqq trumbetta ħalli jinġabru n-nies, kien jaqrahom pubblikament.

Il-bandu msemmi f'dan id-dokument hu dwar is-sikrana, xitla tal-ġens *graminaceæ* li, fir-Rebbiegħa, tikber 'l hawn u 'l hemm qalb uċuħ fir-raba' u li hi ta' ħsara kbira għalihom. Tikber fuq magħleb dritt, wieqaf u aktarx iebes, li jogħla sa deċimu ta' metru u tagħmel fjuretti żgħar ma' weraq iniggeż.

Is-sikrana tissejjaħ hekk għax il-poplu Għarbi jemmen li *issakkar*. Jiġifieri, jekk bniedem jew bhima jiekol is-sikrana aktarx li jitlef il-kontroll fuq is-sensi tiegħu. Bit-Taljan il-pjanta tissejjaħ *zizzania*, iżda l-Isqallin jirreferu għaliha bħala *l'ubbriaca*, appuntu dik li ssakkar, għax l-Isqallin, bħall-Għarab, għarfu li għandha effetti simili għall-frott tad-dielja.

L-ordni tal-Gvernatur ta' Għawdex saret għal raġunijiet oħra. Is-sikrana hi pjanta parassita, jiġifieri taqbad u tieħu s-sugu mill-għeruq ta' pjanti oħra. Kienet tikber l-iktar mal-qamħ u x-xgħir, u jekk ma toqgħodx tnaqqiha bil-paċenzja kienet fi ftit jiem tirrovina għalqa sħiħa.

Il-bidwi Għawdxi kien dejjem inaqqi s-sikrana ħalli ma jitlifx frott il-għaraq u għall-ħeffa, u – ngħiduha kif inhi – anki b'egoiżmu, kienu jaqbdu u jarmuha barra mill-għalqa fejn ġie ġie. L-abbuż jidher li kien kiber ħafna u għalhekk inħarġet l-ordni li ġibna.

Min jinqabad jeħles mis-sikrana b'dan il-mod vili, jgħid id-dokument, kien, minn dakinhar 'il quddiem, se jeħel multa kbira ta' żewġ skuti u sitt irbiegħi. Mhux biss, imma l-qamħ, ix-xgħir, u l-maħlut ta' min jinqabad inaddaf is-sikrana b'dak il-mod, ma kienx se jinxtara u jitħalla li jkun maħżun fil-fosos ta' l-Universitas ta' Għawdex fiċ-Ċittadella.






## IL-MIŻBLA TAL-QORTIN

Kull tant u tant inqumu ftit fuq tagħna, iżda ma ndumux wisq u ninsew kollox mill-ġdid. Ftit taż-żmien ilu l-gazzetta *The Times* tat prominenza b'ħafna ritratti bil-kulur lill-problemi kbar kawżati mill-miżbla tal-Qortin u ta' l-ilmenti tar-residenti tax-Xagħra li jgħixu fil-qrib. Sar ftit tal-plejtu u kollox raqad malajr. Donnu li biex titħarrek xi ħaġa (bħal fil-każ tar-rimi fid-Dwejra) trid tibqa' ttambar bla ma taqta'.

Sfortunatament aħna hekk magħmluin. Sakemm ma jmissux lilna jew lil bwietna, ftit li xejn inħabblu rasna bil-problemi ta' ħaddieħor, jew bil-problemi tas-soċjetà. Minn dawn il-paġni, fil-ħarġa ta' Awissu-Settembru 1999 (aktar minn sena ilu!!!) konna ġbidna l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet dwar il-problema tal-miżbla tal-Qortin. Imma milli jidher ħadd ma ħabbel rasu, la dakinhar... u anqas illum. Min jaf, forsi t-*Times* tista' terġa' tibda tippubblika xi erba' ritratti oħra tal-kulur, biexxi ħadd iqum fuq tiegħu u jgħidilna x'qed isir.

## GĦOTI TAD-DEMM

Smajt appell imqanqal mingħand il-Kappillan u mort nagħti d-demm l-Isptar Ġenerali. Kien il-Ħadd 8 ta' Ottubru, filgħodu. Għall-okkażjoni ġew tabib u *nurse* minn Malta. Sibt kju twil mhux ħażin ta' nies lesti biex jagħtu d-demm... u ħafna tgergir. *Nurse* waħda ma setgħetx tlaħħaq ma' dawk kollha li kienu preżenti. Diversi minnha reġgħu marru d-dar bla ma taw demm. Fittixt u sirt naf li f'Għawdex hawn tliet *nurses* li s-soltu jieħdu d-demm. Staqsejt il-għala dawn ma marrux jgħinu bħas-soltu. Qaluli li dakinhar ma daħħluhomx għax-xogħol biex ma jħallsuhomx tal-Ħadd. Tajba din! Ħallsu tnejn minn Malta biex ma servewx lil kulħadd, u għal tlieta Għawdxin, li kienu jsolvu l-problema ta' dak il-kju twil, ma sabux flus. Nittama li jekk jerġgħu jagħmlu dan l-appell ma jiġrix l-istess mill-ġdid!

## KULTURA TAX-XOGĦOL

Fittixt *d-driver* u ma sibtux. Qaluli li mar jieħu belgħa te għax kellu griżmejh xotti.

Mort filgħodu nfittex persuna f'uffiċċju u ma sibthiex. Mort wara nofsinhar, u sibt l-uffiċċju għadu magħluq.

Ċempilt l-*Enquires* u ma rrispondieni ħadd. Almenu smajt ftit mużika ħelwa flok id-daqq tat-telefon.

Kelli bżonn ftit xogħol ta' tikħil u tkellimt ma' wieħed li naf. Qalli li jiġini filgħodu, ftit fit-tard, biex jilħaq jagħmel *present* għax-xogħol. Filgħaxija, b'dispjaċir tiegħu, ma setax jaqdini, għax kien jaħdem mal-privat u ma setax jiskarta mix-xogħol...

Tgħid għad tidħol xi darba l-kultura tax-xogħol? Forsi nistgħu nibdew mit-tfal ta' l-iskola... sakemm l-għalliema ma jaħarbux ukoll!

## BANKINI

Hu ta' min japprezza l-isforz li qed isir biex isiru l-bankini mill-ħaddiema tal-Gvern. Jiġina dubju b'liema kriterju ta' għażla qed isiru l-bankini quddiem ċertu bini u mhux quddiem ieħor. Ma nifhimx kif titranġa l-bankina quddiem dar waħda biss minn triq sħiħa meta ċ-ċittadini kollha jħallsu t-taxxi. Ikun aktar korrett jekk jitranġaw il-bankini ta' triq sħiħa milli ta' parti żgħira minnha biss.

## IL-BELVEDER TA' ĦDEJN IL-KONSERVATORJU TA' L-ISQOF

Kien għadu mank deher ippubblikat il-kumment li konna għamilna fl-aħħar ħarġa li ma ġarax kif bassarna u bżajna: wieħed mill-*plots* li minn Triq Ġorġ Borg Olivier imissu mal-Belveder ta' biswit il-Konservatorju tella' sular ieħor. Il-permess kien miżmum biex ma titħassarx il-panorama sabiħa ta' Marsalforn li kienet (!) titgawda minn hemmhekk. Issa, wara li s-sid bidel il-pjanta oriġinali, ħareġ il-permess. Qed nistennew li anke l-*plots* ta' maġenb dan jinbnew. Veru li l-permess ma jħallix li jitla' bini għoli aktar mill-belveder, imma minħabba t-tul tal-plot, ftit jibqa' x'jitgawda minn dawk l-anzjani li kienu jqattgħu siegħa hemmhekk. U nibżgħu li 'l quddiem jispiċċa dak il-ftit li fadal ukoll. M'aħniex kontra l-investiment fil-qasam tal-bini, imma l-interessi privati u l-liġi tal-flus ma jistgħux jirbħu fuq kollox.

## MILL-*VRT* GĦAL *RRT* U *DRT*

Bil-VRT kulħadd sema'. Imma nistħajjilkom tistaqsu: l-oħrajn xi jfissru? S'issa l-Gvern obbliga li jsiru testijiet fuq il-karozzi biex ineħħi min-nofs dawk li jistgħu jkunu ta' periklu għat-traffiku jew għaċ-

ċittadin. Issa nissuġġerilu li jibda jagħmel it-testijiet fuq it-toroq tagħna (*RRT*) u jara jekk dawn humiex ta' ħsara u dannu għall-karozzi... u għat-tkaken tan-nisa u t-tfajliet. Naħseb li ħafna toroq żgur ma jgħaddux mit-test, għax xi wħud minnhom anqas bil-mixi ma tissogra tgħaddi minnhom. Forsi l-Kunsilli Lokali, issa li bdew jirċievu l-flus tal-multi li jagħtu l-*Wardens*, jistgħu jinvestuhom malajr f'parkeġġi adegwati u f'tiswijiet urġenti ta' toroq.

Nissuġġerilu wkoll biex jibdew isiru testijiet fuq xi sewwieqa (*DRT*), għax hu miraklu kontinwu kif ma jiġrix inċident kuljum ma' kull kantuniera li għandna. Tiltaqa' ma' sewwieqa li qatt ma jixgħelu l-*indicators*, oħrajn li jiequ f'nofs ta' triq ipaċpċu qishom sid il-kera, sewwieq oħra li jieħdu l-kantuniera qishom kienu kollha *one way*...

## XELTER FIL-*BUS TERMINUS*

Fl-ewwel xita qawwija li għamlet f'Ottubru ħadna nifs ta' mistrieħ għax ix-xita taffiet ftit is-sħana tas-Sajf. L-istess "nifs" ħaduh ħafna turisti li kienu r-Rabat meta nħakmu taħt ix-xita u kellhom jiġru lejn il-*bus terminus* biex jistkennu. Il-problema kienet li fejn jistkennu ftit hemm. Il-biċċa l-kbira minnhom, barra n-nifs li ħadu bil-ġiri li ġrew, laqqtu wkoll tixriba prima!

## KEMM SUPPOST ISERVI L-ĦOBŻ?

Ġieli nisma' xi rakkont ta' żmien il-Gwerra m'għand ix-xjuħ tiegħi. Jgħiduli kemm kienu jbatu u li ħobża, meta kien ikollhom, kienet isservihom għal ġranet sħaħ. Allaħares tiġi l-gwerra llum, għax żgur li jkollna nieklu l-ħobż immuffat. Ġieli nixtri l-ħobż u l-għada nsibu diġà sfar. Tgħid għaliex?

## UNIVERSITARJI GĦAWDXIN

Bdiet l-Università u ħafna żgħażagħ Għawdxin bdew esperjenza ġdida f'Malta. Nawguralhom! Sirna nafu li ħafnu minnhom kellhom imorru Malta s-Sibt biex jimlew il-formola ta' applikazzjoni. Possibbli ħaġa daqshekk burokratika ma tistax issir f'Għawdex stess? Il-*Gozo University Centre* ma jistax jaqdi tajjeb din il-funzjoni? Nistiednu lil tal-GUG jistudjaw din il-proposta.

## *PARKING* ĦAŻIN

Mhix xi ħaġa ġdida, għalkemm bil-preżenza tal-Wardens qed nibżgħu ftit. Hemm bżonn li ma jitħallix isir *parking* f'ċerti toroq traffikużi, jew almenu jipparkjaw fuq naħa waħda biss.

## AMPLIFIKAZZJONI FIL-KNEJJES

Tidħol f'ċerti knejjes tagħna biex tieħu sehem f'quddiesa... u ma tisma' xejn milli jkun jingħad. Xi drabi jista' jkun il-qassis li ma jinftiehemx, imma ħafna drabi l-problema hi għax mhemmx sistema tajba ta' amplifikazzjoni. Meta taħseb kemm eluf jintefqu fil-festi f'affarijiet ta' ftit sugu tibqa' skandalizzat kif imbagħad ma jinstabux il-flus għal sistema tajba ta' amplifikazzjoni.

## IL-MONUMENT TA' NINU CREMONA

Quddiem id-daħla ta' l-iskola post-sekondarja Sir M. A. Refalo hemm monument lil Ninu Cremona, li għalih hi msemmija l-iskola sekondarja tas-subien. Għandu bżonn tindifa sewwa għax, bejn iż-żmien u l-ħmieġ li tefgħulu, sfar mhux ħażin.

## ĦWEJJEĠ GĦALL-MISSJONI

Kont ser nikteb "Hwejjeġ għar-rimi", għax minn meta għoliet il-posta tal-baħar b'aktar minn 300% ħadd aktar m'għadu jrid jibgħat kaxxi bil-ħwejjeġ il-Missjoni. Kulħadd qata' qalbu minħabba l-ispejjeż kbar.

Hemm ċans ta' soluzzjoni? Mhux biss inkunu qed ngħinu lil tant persuni fil-bżonn, imma nkun qed naħdmu wkoll ma nkabbrux il-kultura tal-ħela... u l-muntanja tal-Qortin!

## DISKRIMINAZZJONI

Illum il-kelma "diskriminazzjoni" iddoqq ikrah f'mentalità demokratika u moderna. Imma dan ma jgħoddx għalina l-Għawdxin, għaliex il-ħaddiema Għawdxin mhumiex stmati l-istess bħall-Maltin meta l-Għawdxin ikunu fuq xogħol barra minn Għawdex.

Meta t-tim tal-futbol Gozo F.C. imur jilgħab Malta, il-Klabb irid iħallas l-ispejjeż tat-trip, l-alloġġ u l-*extras* l-oħra kollha. Mill-banda l-oħra, meta l-Maltin jiġu Għawdex, il-G.F.A. tħallas kollox hi għalihom. Għaliex l-Għawdxin ma jingħatawx l-istess trattament?

L-istess il-ħaddiema taċ-ċivil, tobba mal-Gvern, għalliema, *inspectors*, eċċ. L-Għawdxin li jaħdmu Malta jridu jaħsbu għal kollox, anke l-alloġġ. Imma meta xi ħadd minn Malta jkollu bżonn jiġi fuq xogħol f'Għawdex, il-Gvern iħallaslu kollox, anki ikla fl-aqwa lukandi jew ristoranti. Din diskriminazzjoni jew le?

Konsegwenzi ta' dan jiġri li biex ma jintefqux flus "żejda", l-Għawdxin ikollhom imorru Malta biex jinqdew, għax id-Dipartimenti mhux dejjem ikunu disposti li jħallsu l-*extras* lill-impjegati tagħhom biex jiġu Għawdex.



L-INTERVISTA

# Il-Fondazzjoni OASI

DUN EDDIE ZAMMIT JINTERVISTA LIL DUN MANWEL CORDINA, DIRETTUR ĠENERALI TAL-FONDAZZJONI OASI.

**1. Meta twaqqfet il-Fondazzjoni OASI u liema kienu l-ħtiġijiet li għalihom hija twaqqfet?**



Għaxar snin ilu, il-problema tad-droga f'Malta kienet saret waħda allarmanti ħafna u għall-ewwel darba f'pajjiżna konna bdejna nisimgħu b'diversi kriżijiet familjari u soċjali konnessi ma' l-abbuż tad-droga, fosthom każijiet ta' *overdose*.

F'Għawdex il-qagħda kienet għadha kwieta. Veru li kienu diġà jeżistu xi każijiet serji ta' żgħażagħ li kienu qed jabbużaw mid-droga, kemm eroina kif ukoll kokaina, minbarra t-tipjip tal-ħaxixa, iżda dawn kienu għadhom moħbija. Għadni niftakar meta dħalt responsabbli ta' l-ewwel każ ta' ġuvni bil-problema tad-droga. Jien kelli ninżel bih Malta kull ġimgħa biex regolarment jattendi d-*Detox Unit* fl-Isptar San Luqa, billi f'Għawdex dan is-servizz ma kienx jeżisti. Dan kien fil-bidu tas-sena 1988. Kien f'April tas-sena ta' wara li għall-ewwel darba ngħata s-servizz ta' detossifikazzjoni fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Dan ġara wara nsistenza mingħandi u bil-koperazzjoni sħiħa tal-Onorevoli Anton Tabone, dak inhar Ministru għal Għawdex.

Il-Fondazzjoni OASI twaqqfet preċiżament bil-għan li timla vojt li kien jeżisti f'Għawdex rigward l-edukazzjoni preventiva, kif ukoll f'dak li kellu x'jaqsam ma' kura terapewtika u rijabilitazzjoni ta' persuni bi problemi ta' droga u sustanzi oħra. Uffiċċjalment l-OASI ġiet reġistrata quddiem nutar fil-Jum Dinji Kontra d-Droga fil-Lukanda ta' Ċenċ f'Sannat, Għawdex, nhar is-26 ta' Ġunju 1991 bħala organizzazzjoni fil-volontarjat lajk, totalment awtonoma u indipendenti minn kull rabta politika, settarja jew reliġjuża.

L-OASI hija mmexxija minn Bord tad-Diretturi u amministrata minn Direttur Ġenerali li huwa fl-istess waqt il-*Managing Director* li jikkoordina s-servizzi kollha li joħorġu mill-Fondazzjoni. Kull taqsima, imbagħad, għandha l-uffiċċjal eżekuttiv tagħha

li xogħlu huwa li jikkoordina d-diversi ħidmiet li jsiru mit-taqsima.

## 2. Liema servizzi toffri din l-Organizzazzjoni?

Illum il-ġurnata, il-Fondazzjoni OASI toffri diversi servizzi. Dawn is-servizzi huma mogħtija lil kull min jitlobhom u huma bla ħlas. Is-servizzi huma mqassmin taħt tliet taqsimiet soċjali:

1. *Prevenzjoni Primarja:*
Il-Prevenzjoni Primarja timplika diversi programmi ta' Edukazzjoni Preventiva mat-tfal, studenti, għalliema u edukaturi, ġenituri, żgħażagħ, koppji, ħaddiema u professjonisti, minbarra attivitajiet għall-pubbliku in ġenerali, bħal attivitajiet alternattivi u anke prevenzjoni fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali u tax-xandir.

2. *Intervent Immedjat:*
Din it-taqsima tieħu ħsieb tgħin f'sitwazzjoni ta' kriżi personali jew familjari fejn jinqalgħu konflitti bejn ġenituri u wlied, problemi ta' żogħżija u żvilupp, koppji f'diffikultà bejniethom, persuni taħt stress u problemi simili. L-OASI toffri appoġġ u/ jew *counselling* fuq livell individwali jew familjari, u toffri wkoll assistenza fejn ikun hemm ħtieġa ta' riferiment għal xi servizzi oħra soċjali jew professjonali. Dan isir biex l-OASI tevita li sitwazzjoni partikolari diġà eżistenti ta' dwejjaq jew stress tiżviluppa fi problema akbar ta' abbuż ta' alkoħol, rikorrenza għad-droga jew mediċini oħra perikolużi għas-saħħa.

3. *Kura Terapewtika u Rijabilitazzjoni Soċjali:*
Din it-taqsima, li ilha miftuħa sa mill-1992, toffri diversi programmi ta' kura terapewtika lil dawk li waqgħu fix-xibka tad-dipendenza fuq xi droga, alkoħol jew xi imġieba addittiva oħra. Tingħata għajnuna kemm lill-individwu bil-problema kif ukoll lill-familjari u persuni qrib ħafna tal-pazjent, inklużi ġenituri, *partner* u wlied. Il-kura u t-terapija li tingħata huma mfassla fuq il-programm tat-12-il Pass ta' l-Alkoħoliċi Anonimi.

## 3. Din il-ħidma kollha teħtieġ *staff* ippreparat tajjeb. Kif tagħmlu biex issibu persuni tajbin għal dan ix-xogħol?

L-akkwist ta' *staff* tajjeb għal din il-missjoni soċjali huwa wġigħ ta' ras kbir. Nies li huma kwalifikati, illum, għall-grazzja t'Alla, għandna diversi f'pajjiżna. Mill-Università qegħdin joħorġu kontinwament żgħażagħ mimlija kwalifiki u ħeġġa biex jaħdmu f'dan il-qasam. Id-diffikultà tinħoloq fir-riżorsi finanzjarji limitati ta' l-OASI biex hi tkun tista' takkwista s-servizz regulari ta' dawn in-nies.

Naturalment, minbarra l-kwalifiki akkademiċi li jkollhom dawn iż-żgħażagħ, wieħed imbagħad irid iżid it-taħriġ fil-qasam speċjalizzat li fih topera l-OASI. Għalhekk kull *staff* ġdid jingħata taħriġ intern mill-OASI stess u ħafna drabi taħriġ anke barra minn Malta.

## 4. X'riżultati taħseb li nkisbu matul dawn id-disa' snin u nofs li fihom li l-OASI ilha mwaqqfa?

Ir-riżultati huma sodisfaċenti ħafna. Naturalment il-qies li wieħed juża għall-**Prevenzjoni Primarja** mhux l-istess qies li għandek tuża għall-**Intervent Immedjat** jew għall-**Kura Terapewtika u Rijabilitazzjoni**.

Fil-qasam tal-Prevenzjoni Primarja, l-impatt ta' l-OASI kien vast u mifrux immens. Biżżejjed wieħed jinnota li f'disa' snin l-OASI daħlet fil-maġġoranza tad-djar u l-familji f'Malta u f'Għawdex. F'Għawdex, l-OASI jirnexxiela tiltaqa' ma' l-istudenti fl-iskejjel primarji u sekondarji kollha fuq medda ta' sentejn.

Illum hawn ġenerazzjonijiet sħaħ ta' żgħażagħ li għaddew minn taħt l-Edukazzjoni Preventiva tal-OASI. L-attendenza taż-żgħażagħ fl-attivitjajiet li nagħmlu għalihom, insemmi biss il-*weekend encounters* li nagħmlulhom f'Malta, huma xhieda ta' l-affinità li teżisti



bejn l-OASI u ż-żgħażagħ. Imbagħad xi ngħidu għat-*tutorship* li l-*istaff* jagħmel ma' l-istudenti post-sekondarji u ta' l-Università! Ma' dawn inżidu l-ġenituri u l-għalliema u edukaturi oħra li magħhom iltqajna u għadna niltaqgħu regolarment matul is-sena.

Fil-każ ta' l-**Intervent Immedjat** il-qies huwa wieħed aktar tanġibbli. Matul is-sena jersqu għall-għajnuna aktar minn 250 persuna, bejn tfal, żgħażagħ u adulti, kemm minn Malta kif ukoll minn Għawdex.

Mill-**Programmi ta' Kura u Rijabilitazzjoni** jgħaddu f'sena waħda akkont ta' 30 persuna direttament affettwati mill-problema ta' *addiction* (droga, alkoħol u dipendenzi oħra), flimkien ma' madwar 100 persuni

familjari. Dawn jingħataw għajnuna varja, bħal intervent, *assessment* u, meta meħtieġa, kura terapewtika biex jitgħallmu jħaddnu dawk l-*iskills* meħtieġa biex jirbħu fuq l-impatt negattiv tal-problema tal-*addiction* fuqhom infushom u fuq il-familja kollha.

## 5. Iċ-Ċentru OASI li jinsab fir-Rabat, Għawdex huwa wieħed attrezzat tajjeb ferm. Kif wasal għandkom u x'faċilitajiet joffri dan iċ-Ċentru?

L-ewwelnett, il-post li fih illum hemm iċ-Ċentru OASI kien ingħata mingħajr ħlas mid-Djoċesi ta' Għawdex lill-Fondazzjoni OASI fil-bidu tas-sena 1992. Ix-xogħol ta' restawr u bini fl-estensjoni tiegħu sar kollu mill-fondi finanzjarji miġbura mill-istess Fondazzjoni. Għal xi żmien, bejn is-snin 1992-1993, kien hemm ukoll xi għajnuna mill-Ministeru għal Għawdex biex dan il-post f'qasir żmien seta jinbidel f'ċentru attrezzat tajjeb biex ikun jista' jilqa' fih is-servizzi varji ta' l-OASI. Fl-1995 saret estensjoni fil-bini billi l-ħidma soċjali kibret u l-ispazju beda jsir dejjem aktar ristrett.



Issa beda jinħass il-bżonn mill-ġdid li nerġgħu nkabbru ċ-ċentru biex inlaħħqu ma' l-eżiġenzi tas-snin li ġejjin. Il-proġett finali taċ-ċentru OASI ser ikun sewa lill-OASI mal-Lm150,000 fuq din medda ta' 10 snin. Nofs din iċ-ċifra għadha trid tinġabar permezz ta' attivitajiet ta' ġbir ta' fondi u donazzjonijiet.

## 6. Biex tmexxu din il-ħidma kollha bilfors li tridu ħafna finanzi. Kif tagħmel il-Fondazzjoni OASI biex tiġbor dawn il-flejjes kollha meħtieġa?

Din il-mistoqsija tiġbor ir-responsabiltà li għandu min ikun qed imexxi din l-organizzazzjoni. Għalkemm hemm diversi volontiera li jgħinu kontinwament fit-tmexxija tal-Fondazzjoni u tas-servizzi offruti, l-OASI timpjega wkoll nies professjonalment kwalifikati fil-qasam soċjali li l-OASI taħdem fih. Li kieku ma kienx hekk, kien ikun diffiċli li l-OASI tkompli l-missjoni soċjali tagħha.

Attwalment, bil-għajnuna ta' kumitat apposta, huwa jiena l-persuna responsabbli milli tara li jsiru attivitajiet ta' ġbir ta' fondi biex jinġabru biżżejjed flus ħalli jitħallsu d-diversi spejjeż li jinqalgħu minn żmien għal żmien. Il-pagi li jridu joħorġu kull xahar huma wġigħ ta' ras kbir biżżejjed. L-OASI timpjega persuni *full time* u *part-time,* barra oħrajn fuq konsulenza professjonali. Dan tagħmlu sabiex is-servizzi tagħha jkunu ta' livell serju u professjonali u biex jibqgħu miftuħa regolari fuq medda ta' 24 siegħa kuljum. Imbagħad hemm il-kontijiet tal-ispejjeż kurrenti u tal-manutenzjoni taċ-Ċentru OASI. Meta tikkunsidra li s-servizzi tagħna huma offruti lill-pubbliku matul il-ġimgħa kollha u mingħajr ħlas, il-finanzi jikkostitwixxu piż kontinwu fuq l-amministrazzjoni.

Hemm min isostni li jeħtieġ li nitolbu xi forma ta' ħlas. Għalissa, id-Direzzjoni tal-Fondazzjoni OASI tħoss li jkun aħjar li l-pubbliku minn jeddu jitgħallem jibgħat l-offerti u d-donazzjonijiet tiegħu. B'hekk, bil-karità mogħtija llum, wieħed ikun qed jinvesti f'servizz li jista' jsibu għada huwa stess jew xi ħadd ieħor mill-familja tiegħu.

Barra minn hekk, l-Istat ukoll, permezz tal-Gvern tal-ġurnata, huwa fl-obbligu li jgħin finanzjarjament. Is-servizzi li toffri l-OASI jgħinu fis-żamma ta' pajjiż fis-sliem u s-saħħa. Il-gvern jiffranka mijiet ta' eluf kbar ta' flus meta jkollu għaqdiet tal-volontarjat li jaħdmu b'tant dedikazzjoni. Infatti, minn żmien għal żmien, il-Fondazzjoni OASI titlob għajnuna mingħand il-Gvern biex tkun tista' tlaħħaq ma' l-ispejjeż meħtieġa. Kien hemm diversi drabi li fihom l-OASI sabet ruħha f'diffikutajiet finanzjarji kbar. Iżda d-Direzzjoni OASI mhux dejjem sabet komprensjoni u għajnuna biżżejjed mingħand il-Gvern.

## 7. Dun Manwel, inti l-Fundatur u l-ewwel Direttur Ġenerali tal-Fondazzjoni OASI. X'futur tara f'din l-Organizzazzjoni?

Il-passat kien iebes iżda ta' sodisfazzjon. Sar ħafna xogħol u ħafna ġid. Il-preżent huwa wieħed ta' responsabbiltà kbira mmens. Dan minħabba li l-OASI tant kibret u nfirxet fil-ħidma tagħha li n-nies qed jagħmlu aktar pressjoni fuqha. Għal ħafna nies f'Għawdex, l-OASI saret refuġju f'mumenti diffiċli u urġenti fil-ħajja tagħhom. In-nies sar jafu u issa draw li meta għandhom bżonn jitkellmu ma' xi ħadd fuq xi

problema personali, hi x'inhi, fl-OASI dejjem hemm xi ħadd li lest jismagħhom, u fejn u sakemm hu possibbli jista' jagħtihom l-għajnuna. Dan huwa ta' sodisfazzjon kbir, iżda daqshekk ieħor ta' responsabbiltà enormi.

L-OASI trid mil-lum 'il quddiem tibqa' tissodisfa din l-aspettattiva tal-pubbliku Malti u Għawdxi. Din hija l-isfida tal-ġejjieni għall-OASI. Iżda min-naħa l-oħra tqum il-mistoqsija: "Il-pubbliku u l-Gvern lesti li jibqgħu jsostnu finanzjarjament u bl-appoġġ morali tagħhom lil din l-organizzazzjoni volontarja li tant ħadmet għall-ġid tal-poplu Malti u Għawdxi? U jekk le, min ser ibati?

Għalhekk inħeġġeġ lill-qarrejja u lill-pubbliku biex jikkoperaw u jappoġġjaw lill-Fondazzjoni għall-istess ġid u serħan il-moħħ tagħna lkoll.

Kull għajnuna lill-OASI hija apprezzata u wieħed jista' jibgħatha fl-indirizz: ***Direttur Ġenerali, Ċentru OASI, 5, Triq Wied Sara, Victoria VCT 108, Għawdex.*** Tingħata riċevuta għal kull donazzjoni.

### 8. Dun Manwel, nirringrazzjak ta' l-opportunità li tajtna li nitkellmu miegħek. X'inhuwa l-messaġġ li bih tixtieq tagħlaq din l-intervista?

Kull min hu fil-bżonn ta' xi għajnuna jew servizz mill-OASI għandu jħossu komdu u liberu li jista' jagħmel dan billi jċempel u jitlob appuntament. Jekk hija kwistjoni ta' Amministrazzjoni jew ta' Prevenzjoni Primarja u Intervent Immedjat jista' jċempel fuq Tel.




563333 jew 550189. Jekk hija ħtieġa ta' għajnuna fil-qasam tal-kura u rijabilitazzjoni mid-droga jew l-alkoħol wieħed għandu jċempel fuq Tel. 588858 jew 564488. Kull informazzjoni tibqa' miżmuma strettament kunfidenzjali.

Jiena hawnhekk nirringrazzja lill-Mulej li tagħni d-dehen biex nibda din l-opra ta' karità u s-saħħa biex niflaħ insostniha bil-ħidma fqajra tiegħi. Madankollu nirringrazzja lil dawk kollha li miegħi ħadmu u għadhom jistinkaw bis-sħiħ għal dan il-għan nobbli, fosthom lil sħabi fuq il-Bord tad-Diretturi, lill-Grupp Ħbieb u Volontiera OASI, lill-i*staff* u tant u tant benefatturi u kumpaniji kummerċjali li matul is-snin taw l-għajnuna materjali tagħhom. Grazzi lilkom qarrejja ta' "Il-Ħajja f'Għawdex".

SAVE QUICK
Discount STORE
FORTUNATO MIZZI STREET, VICTORIA - GOZO
TEL: 556461 FAX: 561496
**KUN BIL-GĦAQAL!**
***Ma jaqbillek Tixtri minn Imkien aktar***
***Uża s-SAVE QUICK CARD***
***u tiffranka iżjed!***

**Riflessjonijiet minn A.C.M.**

# Ġesù Kristu: MULEJ u SULTAN!



*Ftit punti mill-ewwel parti tad-Dokument tal-Kongregazzjoni tal-Fidi "Dominus Jesus"*

***"Għandna nemmnu bil-qawwa kollha li fil-misteru ta' Ġesù Kristu, l-Iben t'Alla magħmul bniedem li hu t-Triq, is-Sewwa u l-Ħajja, ġiet mogħtija r-Rivelazzjoni sħiħa u definittiva tal-Verità Divina."***

## mill-Bibbja

"Lil Alla għadu ħadd ma rah; imma għarrafhulna l-Iben il-Waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier."

(Ġw. 1, 18)

## fil-prattika

Alla kull ma kellu x'jgħidilna, qalulna fi Kristu.

***"Għandna nemmnu bil-qawwa kollha li Ġesù ta' Nażaret biss huwa l-Iben u l-Verb tal-Missier."***

## mill-Enċiklika

"Ġesù hu l-Verb Inkarnat, persuna waħda u indivisibbli. Kristu mhu ħadd aktar ħlief Ġesù ta' Nażaret."

(*Redemptoris Missio*
Papa Ġwanni Pawlu II - 1991)

## mill-Bibbja

"F'Ġesù li hu ***l-Kristu, l-Iben t'Alla Ħaj***, hemm tgħammar il-milja sħiħa tad-divinità fil-ġisem."

(ara Kol. 1, 19)

**"Għandna nemmnu bil-qawwa kollha li Ġesù Kristu huwa l-Uniku Salvatur li wassal għas-salvazzjoni fil-milja tagħha lill-umanità u lill-univers kollu."**

*Il-Maġisteru tal-Knisja, fidil lejn ir-rivelazzjoni divina jerġa' jafferma li Ġesù Kristu huwa l-Medjatur u s-Salvatur Universali*

## mill-Konċilju

"Il-Verb ta' Alla li bih sar kollox sar bniedem, sabiex bħala bniedem perfett ikun jista' jsalva lill-bnedmin kollha u jerġa jgħaqqad kollox fih."

(*Gaudium et Spes*, 45)

## mill-Bibbja

"Kollox jinġabar taħt ras waħda li hu Kristu."

(Ef. 1, 10)

*Waħda hi l-ekonomija tas-Salvazzjoni. U din l-ekonomija twettqet bil-misteru ta' l-inkarnazzjoni, mewt u qawmien ta' l-Iben t'Alla.*





**"Għandna nemmnu bil-qawwa kollha li Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u li din is-salvazzjoni tiġi offruta lil kulħadd u mwettqa fil-milja kollha tagħha, darba għal dejjem, fil-misteru tal-inkarnazzjoni, tal-mewt u tal-qawmien ta' l-Iben t'Alla."**

## mill-Bibbja

"F'ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni, għax imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna nistgħu nkunu salvi."

(Atti ta' l-Appostli 4, 12)

## mill-Enċiklika

"Kristu huwa uniku. U huwa preċiżament għalhekk li l-figura tiegħu għandha tifsira assoluta u universali. Huwa jibqa' ċ-ċentru u l-għan aħħari ta' l-istorja. Jiena l-Ewwel u l-Aħħar, il-Bidu u t-Tmiem"

(*Redemptoris Missio*
Papa Ġwanni Pawlu II - 1991)




# Novembru u l-Kult tal-Mejtin

mill-E.T. Nikol G. Cauchi, Isqof ta' Għawdex

Kieku kellna niktbu l-istorja ta' l-ispiritwalità tal-poplu Malti u Għawdxi żgur li konna nsibu ħafna x'niktbu dwar il-kult lejn il-mejtin. Difatti, matul ix-xahar ta' Novembru aħna nilmħu, iktar mis-soltu, is-sinjali ta' din il-qima lejn dawk li kienu jgħixu qabilna.

Biżżejjed insemmu l-għadd ta' quddies iktar minn ġranet oħra, il-moti jew tokki funebri tal-qniepen tal-kampnari tagħna, it-tiżjin tal-oqbra b'kuruni u bukketti ta' fjuri, iż-żjajjar iktar spissi li jagħmlu n-nies fiċ-ċimiteri.

Kemm huma antiki dawn id-drawwiet? U xi żviluppi saru fihom matul iż-żminijiet?

## Drawwiet taċ-ċiviltà pre-nisranija

Skond ix-xhieda li hemm f'ċerti studji ta' l-antropoloġija, kemm fost il-popli ta' ċiviltà antika kif ukoll fost gruppi ta' primittivi, il-mewt ta' xi persuna hija meqjusa bħala ġrajja importanti għall-komunità kollha u mhux biss għall-familja li titlef xi wieħed mill-membri tagħha. Ma kienux nieqsa r-riti funebri differenti minn grupp għal ieħor, u xi drabi kumplikati mhux ftit, qabel ma issir id-difna jew il-ħruq tal-kadavru. Fost l-antiki kienet id-drawwa wkoll li fil-qabar jew fil-post fejn jidfnu l-mejjet jitqegħdu xi oġġetti bħal bwieqi, dekorazzjonijiet jew għodda li l-persuna midfuna kienet tuża meta kienet ħajja fid-dinja, fil-biċċa l-kbira oġġetti tal-fuħħar. Iżda fl-Eġittu u fil-Perù ġieli kienu wkoll oġġetti tad-deheb jew metalli oħra.

Anki f'pajjiżna kienu jeżistu dawn id-drawwiet tad-dfin, u ġieli nstabu oġġetti tal-fuħħar fl-oqbra antiki. Dak li nstab fl-oqbra huwa xhieda tal-qima li kellhom niesna sa minn qabel il-konverżjoni tagħhom għall-Kristjaneżmu; minnu niksbu wkoll ħjiel dwar x'kien it-twemmin tagħhom fuq il-ħajja ta' wara l-mewt.

F'ċerti ġranet tas-sena dawk li jibqgħu ħajjin kienu jżuru l-oqbra u jqegħdu fuqhom xi offerti ta' ikel u ħwejjeġ oħra, bħala turija ta' qima lejn il-mejjet. Fost il-pagani, kien hemm xi popli li kellhom biża' mill-erwieħ tal-mejtin għaliex kienu jaħsbu li dawn għandhom mibegħda lejn il-ħajjin u jippruvaw jagħmlulhom id-deni. Iżda fil-biċċa l-kbira tal-kulturi, il-mejtin kienu jitqiesu bħala xi ħadd ħabib li jixtieq li jibqa' jgħix jew għall-inqas iżur dawk id-djar jew postijiet li kienu familjari għalih meta kien għadu ħaj fid-dinja.



Ir-Rumani antiki u l-Etruski kienu jemmnu li hemm xi erwieħ jew iħirsa li kienu jinsabu f'xi djar u li kienu qishom il-

protetturi tal-familja. Dawn l-erwieħ kienu jsejħulhom *lares*. Il-poplu kien jemmen li dawn il-*lari* ma kienux ħlief l-erwieħ tal-mejtin li jiġu jżuru lill-ħajjin. Kien hemm mhux biss il-*lari domestici*, jiġifieri l-protetturi tad-djar, iżda wkoll il-*lari urbani* jiġifieri dawk li jgħassu fuq l-ibliet. Bħala kapijiet tal-familja, l-irġiel kienu jivveneraw il-*lari domestici* u bħala ċittadini jqimu l-*lari urbani*. Xi drabi dawn il-lari kienu jiġu rappreżentati taħt xbieha ta' żagħżugħ, b'kuruna tar-rand f'rasu, u f'idu l-waħda bil-qarn li jixrob minnu. L-offerti li kienu jsirulhom kienu jikkonsistu fi fjuri, ħalib u inċens. Il-festa pubblika tal-*lari* kienet tissejjaħ *Compitale* u kienet tiġi ċċelebrata aktarx fit-22 ta' Diċembru.

Fost l-insara, sa mill-bidu kien hemm it-twemmin li r-ruħ tal-bniedem tibqa' tgħix wara l-mewt, għad li mifruda mill-ġisem. Hija wkoll domma tal-fidi nisranija li l-Knisja, sa minn żminijiet antikissimi tistqarr fil-Kredu tagħha, li fl-aħħar tad-dinja r-ruħ terġa' tingħaqad mal-ġisem u dan iqum mill-mewt, kif qam mill-mewt il-ġisem ta' Kristu. Il-Knisja għandha r-riti funebri li huma ġejjin sa mill-ewwel sekli ta' l-eżistenza tagħha. Ir-ritwal Ruman jiddistingwi bejn funzjonijiet li jsiru fil-funeral tat-tfal li jkunu għadhom ma laħqux l-użu tar-raġuni, u l-funzjionijiet jew ir-rit funebri tal-kbar. Normalment il-ġisem tal-mejjet jiġi mwassal sal-knisja fejn issir il-Quddiesa tas-suffraġju u tingħata l-aħħar tislima lill-mejjet. F'xi postijiet hemm id-drawwa li l-kadavru jitwassal fil-knisja b'korteo funebri li fih, barra mis-saċerdoti bl-abiti sagri, jieħdu sehem ukoll il-qraba u l-ħbieb tal-mejjet. F'postijiet oħra, il-kadavru jinġarr permezz tal-*hearse* jew karru tal-mejtin. Qabel ir-riforma liturġika tal-Konċilju Vatikan II, fil-quddiesa *praesenti cadavere* kienet tingħad jew titkanta is-sekwenza *Dies Irae*, u fl-aħħar tingħata l-assoluzzjoni jew it-tberik tal-kadavru bil-kant tal-*Libera me Domine*.

Jidher li anki fi żminijietna l-funerali bir-riti nsara għadhom apprezzati ħafna min-nies, kif jidher mill-għadd ta' dawk li jattendu għalihom. Żgur li għad fadlilhom ukoll valur pastorali, għax ikun hemm diversi li f'okkażjonijiet bħal dawn jersqu għall-Qrar u għat-Tqarbin. Bir-raġun għalhekk Pio della Valentina, fil-ktieb "*Le devozioni del popolo*" (paġ. 230), jistqarr: "Rigward ħafna li tilfu l-fidi, l-attakkament tagħhom lejn il-mejtin huwa l-unika possibilità biex wieħed jixħet fihom żerriegħa tal-kelma t'Alla; għal dawk li għadhom jemmnu, iżda huma imbiegħdin, (il-funerali) huma t-triq it-tajba biex treġġagħhom lura lejn il-komunjoni ma' Alla u mal-Knisja."



## L-Għid tal-imwiet

Fil-Kalendarju Liturġiku hemm ukoll it-tifkira tal-mejtin li ssir fit-2 ta' Novembru ta' kull sena, li għalhekk tissejjaħ "l-Għid ta' l-imwiet". It-talb għall-mejtin huwa parti mit-tradizzjoni ġudeo-kristjana u għandna xhieda tiegħu anki fit-tieni ktieb tal-Makkabin (2 Makk 12,45), fejn naqraw li Ġuda Makkabew ried li jsir sagrifiċċju għall-maħfra tad-dnubiet ta' dawk li mietu: "li kieku ma kienx jemmen li l-mejtin jerġgħu jqumu, kienet tkun bluha u ħaġa żejda titlob għall-mejtin. Iżda billi hu ġieb quddiem għajnejh il-ħmiel tal-ħlas li hemm lest għal dawk li jorqdu r-raqda tal-mewt fil-ħbiberija ma' Alla, il-ħsieb tiegħu kien qaddis u twajjeb. Għalhekk offra sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, biex il-mejtin jinħelsu minn dnubhom."

Sa mis-seklu ħamsa kien jiġu ċelebrat Quddies għall-mejtin. Xhieda ta' dan hu dak li jirrakonta Sant'Wistin fl-Istqarrijiet tiegħu, meta jikteb li ommu Monika, qabel ma mietet, ma rieditx tagħżel il-post tad-difna iżda talbithom biss li jiftakru fiha fuq l-artal, jiġifieri fil-Quddiesa.

It-tifkira ġenerali ta' l-insara mejtin kollha nafuha lil San Odilone, ir-raba' Abbati tal-monasteru magħruf tal-Benedittini ta' Cluny. Sa mis-sena 800 kien sar ftehim bejn il-monasteri ta' San Gall u dak ta' Reichenau biex is-suffraġji li jagħmlu jservu għall-membri mejtin taż-żewġ monasteri flimkien. Dan kien isir mhux biss meta tasal l-aħbar tal-mewt ta'

kull patri, iżda wkoll, skond dak il-ftehim, iż-żewġ komunitajiet kienu jitolbu għall-patrijiet mejtin tagħhom fl-14 ta' Novembru ta' kull sena, billi s-saċerdoti kienu jqaddsu tliet quddisiet fl-istess jum u l-irħieb l-oħra jgħidu parti kbira tas-Salterju. Fis-sena 998 San Odilone ordna lill-irħieb tal-kongregazzjonijiet li kienu jiddependu minnu biex josservaw it-2 ta' Novembru, l-għada tal-Festa tal-Qaddisin kollha, bħala ġurnata tat-tifkira tal-patrijiet mejtin sħabhom. Minn Cluny din id-drawwa għaddiet għal monasteri oħra. Fis-sena 1008, il-belt ta' Liegi, fil-Belġju, adottat din id-drawwa u kienet aktarx l-ewwel djoċesi li għamlet hekk. Bil-mod il-mod it-tifkira tal-mejtin kollha fit-2 ta' Novembru xterdet mad-dinja nisranija. Fi Spanja u fil-Portugall, kif ukoll fl-artijiet ta' l-Amerika t'Isfel li kienu jiddependu minnhom, diġà s-saċerdoti kienu kisbu mill-Papa Beneditt XIV il-privileġġ li fit-2 ta' Novembru iqaddsu tliet darbiet. Iktar tard, b'digriet ta' l-10 t'Awissu 1915, il-Papa estenda għad-dinja kollha lis-saċerdoti tar-Rit Latin il-privileġġ tat-tliet quddisiet. Minn dawn, waħda għandha titqaddes għall-mejtin kollha tal-Purgatorju, l-oħra għall-intenzjoni li jkollu s-saċerdot u l-oħra għall-fehma tal-Papa.



## Id-dfin tal-insara

Il-postijiet fejn hemm l-oqbra ta' l-insara u fejn isir id-dfin tagħhom jissejħu "ċimiteri". Din il-kelma ġejja mill-grieg *koimeterion* u tfisser post tar-rqad jew mistrieħ. Fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, id-dfin ta' l-insara kien isir fil-Katakombi.

Dawn kienu jikkonsistu f'passaġġi mħaffrin taħt l-art, li kienu jwasslu għal kmamar jew spazji fejn kien hemm l-oqbra ġol-ħajt, wieħed fuq l-ieħor. Din is-sistema baqgħet teżisti sas-sena 410. Iżda diġà sa minn żmien Kostantinu l-Kbir, jiġifieri għall-bidu tas-seklu ta' qabel, kien hemm il-permess biex l-oqbra jistgħu jkunu wkoll għall-beraħ u fejn jidhru. Il-liġi Rumana, anki qabel il-wasla tal-Kristjaneżmu, kienet tirrispetta l-oqbra u ċ-ċimiteri bħala postijiet sagri.

L-arti tal-katakombi, li hija waħda primitiva, tagħti ħafna informazzjoni ta' siwi arkeoloġiku. Barra minn episodji tal-Bibbja, magħżulin biex ifissru t-twemmin fil-ħajja futura, l-erwieħ tal-mejtin huma rappreżentati bħala persuni jitolbu fil-hena tal-Ġenna (*Orantes*). Il-katakombi nsibuhom mhux biss f'Ruma, iżda wkoll f'Napli, fi Sqallija, f'Sardinja, f'Malta u fl-Afrika ta' Fuq.

Għal ħafna sekli d-dfin kien isir fil-knejjes ukoll, u f'pajjiżna dan id-dfin kien għadu jsir sas-snin tletin tas-seklu li għadda. L-Isqof David Cocco Palmeri, fis-Sinodu li għamel fl-1703 (Kap VIII, art.III), jikkonferma din id-drawwa, fejn jgħid li bħala regola kull wieħed li jmut għandu jindifen fil-knisja parrokkjali tiegħu, sabiex fejn irċieva s-sagramenti tal-ħajja, hemm hekk ukoll ikollu l-mistrieħ tal-mewt ("*Quivis defunctus in propria Parachiali Ecclesia, sepeliatur et ubi vitae suscepit Sacramenta, ibi mortalitatis teneat conditorium.*").

Issa għadda ħafna żmien minn mindu d-dfin beda jsir biss fiċ-ċimiteri. Meta f'pajjiżna ġiet imposta l-liġi li d-dfin ma jsirx iżjed fil-knejjes, il-protesti ma naqsux. Fl-Italja, meta ġiet imposta il-liġi, il-poeta Ugo Fuscolo kiteb il-poema tiegħu "*I Sepolcri*", li ġiet tradotta għall-Malti minn Dun Karm Psaila, fejn għandu, fost l-oħrajn, dawn il-versi mill-isbaħ:

> "*Bint is-sema*
> *hi din-nisġa ta' ġibdiet ta' mħabba;*
> *għoti tas-sema lill-bnedmin, u biha*
> *bosta drabi ħabib mejjet jgħix magħna*
> *u aħna mal-midfun, jekk l-art ħanina,*
> *li laqgħetu tarbija u li rabbietu,*
> *fil-ħdan tagħha ta' omm tħejjilu l-aħħar*
> *għamra ċkejkna, twennislu fdalu*
> *mill-ħsarat ta' l-irwiefen u mir-rifsa*
> *ta' saqajn ħorox; u daqsxejn ta' ġebla*
> *tfakkarna f'ismu, u siġra mwarrda tfarraġ*
> *bid-dell tagħha ħanin ir-rmied il-mejjet.*"

# ID-DMUGĦ TAL-MADONNA TA' SIRACUSA FOSTNA

Jikteb Dun Ġwann Sultana



Il-ġranet 6-10 ta' Settembru li għadda kienu jiem ta' devozzjoni marjana qawwija fil-gżira tagħna. Dan għar-raġuni li fostna kellna r-relikwija tal-Madonna tad-Dmugħ ta' Siracusa, ġrajja li ġibdet eluf ta' nsara minn kull rokna tal-gżejjer lejn il-parroċċa tax-Xagħra, li bħala parti mill-programm tal-festi ad unur ta' Marija Bambina f'dan il-Ġublew il-Kbir ħasbet biex għat-tieni darba tilqa' din ir-relikwija tant devota. L-ewwel darba li nġab ir-relikwarju fix-Xagħra kien fl-1978. Dakinhar kienet l-ewwel darba li r-relikwija tad-Dmugħ tal-Madonna ħarġet minn Siracusa.

Ir-relikwija waslet ix-Xagħra nhar l-Erbgħa 6 ta' Settembru akkumpanjata minn Don Michele Giansiracusa, Rettur tas-Santwarju tal-Madonna tad-Dmugħ f'Siracusa, Sqallija u l-Viċi-Rettur, Don Massimo di Natale. Ir-relikwija ntlaqgħet mill-poplu fid-Dar ta' l-Ispigolatrici della Chiesa u mbagħad ttieħdet fil-knisja ta' Ġesù Nazzarenu fejn, l-għada filgħodu, saret konċelebrazzjoni. Dritt wara, ir-Relikwija twasslet fil-knisja ta' Sant' Anton Abbati fejn ġiet iċċelebrata l-Ewkaristija. It-tfal u l-abbatini tad-djoċesi tagħna akkumpanjaw ir-relikwija f'pellegrinaġġ lejn il-Bażilika ta' Marija Bambina fejn, fost l-oħrajn, intwera dokumentarju dwar il-ġrajja tad-Dmugħ tal-Madonna li seħħet f'Siracusa fl-1953. Il-ġranet tas-7 u t-8 ta' Settembru, meta l-parroċċa kienet qed tiċċelebra s-solennitżà tat-Twelid ta' Marija, kienu jiem li fihom dehret il-devozzjoni tal-poplu lejn Ommna Marija. Sriebet ma jaqtgħux ta' nies dehru jitolbu quddiem ir-relikwija u jippruvaw ibusha u jmissu oġġetti magħha.

Mons. Giuseppe Costanzo, Arċisqof ta' Siracusa wkoll ingħaqad magħna f'dan l-avveniment marjan. Is-Sibt 9 ta' Settembru ltaqa' mas-saċerdoti Għawdxin fis-Seminarju u tkellem dwar Marija fl-Ekonomija tas-Salvazzjoni. Dakinhar filgħaxija mexxa konċelebrazzjoni waqt manifestazzjoni marjana li saret fil-pjazza tax-Xagħra. Il-messaġġ imħeġġeġ ta' Mons. Costanzo juri l-qima tiegħu lejn Ommna Marija u jappellalna biex lil Marija dejjem inħarsu lejha bħala Ommna.

Fl-istess ġurnata filgħaxija mijiet ta' nies ħonqu l-Bażilika ta' Marija Bambina waqt healing service li tmexxa minn Dun Ġorġ Bezzina u Edward Spiteri.

L-għada l-Ħadd, il-morda wkoll komplew id-devozzjonijiet waqt quddiesa għalihom mmexxija minn Mons. Lawrence Gatt, Direttur tad-Dar tal-Provvidenza.



Mument tassew qawwi kien meta r-relikwija tad-Dmugħ tal-Madonna ttieħdet fid-djar ta' l-anzjani, l-Isptar Ġenerali u l-Isptar il-Ġdid, kif ukoll fi djar privati tal-morda. Il-fidi f'Marija kienet tidher f'għajnejn kull anzjan u pazjent. Iż-żjara tar-Relikwija ġiet fi tmiemha l-Ħadd filgħaxija waqt konċelebrazzjoni li mexxa Don Giansiracusa fil-Bażilika tax-Xagħra.

Il-messaġġ tad-Dmugħ ta' Marija nsibuh fit-talba li għamel il-Papa Ġwanni Pawlu II meta nhar is-6 ta' Novembru 1994 kkonsagra s-Santwarju ta' Siracusa.Il-Papa kiteb li d-Dmugħ ta' Marija għandu jqanqal fina dmugħ ta' sogħba u konverżjoni; id-Dmugħ ta' Marija għandu jqanqal fina dmugħ ta' ferħ frott tal-laqgħa tagħna ma' Marija. Dan rajnieh fil-ġranet li Ommna Mairja kienet preżenti fostna waqt li l-poplu tagħna kienu juri l-qima lejha fid-devozzjoni lejn ir-relikwija tad-Dmugħ tagħha.

**CESULA**
**WOODWORKS**
*for Quality Furniture at Reasonable Prices*

Workshop: N/S off Conception Str.,
Qala, Gozo.
Tel: 564223 • Fax: 562586

**SALVU CAMILLERI & SONS LTD.**
**(Tan-Najsi)**
Suppliers of
• Ready-Mix Concrete
• Crane Hire
Ready Mix Plant: **560346**
Residence: **551485**
Telecell: **099 5378**

"Camilleri House"
Belveder Street, Qala.

**R-RADJU R.T.K. FUQ L-NTERNET: http:://www.di-ve.com**

**IL-HAJJA F'GĦAWDEX: http.//www.gozodirect.com/lumenchristi**

# Naf li tmur tisma' l-quddies...




## IMMA!

- KEMM taf sewwa xi tfisser quddiesa?
- KIF tassew "tieħu sehem" fiha?
- GĦALIEX u x'ifisser dak li jilbes, li jagħmel u li jgħid is-saċerdot?

"IL-QUDDIESA MFISSRA"

*AQRA DAN IL-KTIEB ĠDID,*
*U SSIR TAF KEMM TAF FTIT DWAR IL-QUDDIESA...*

88 paġna!
Mimli stampi!
Lm1.50c biss!

Akkwista kopja mil-Lumen Christi Bookshop, Victoria,
jew mill-ħwienet ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex.

# URI FEHEMTEK U IRBAĦ *VOUCHER*

**Biex tfakkar ir-riorganizzazzjoni li qegħda titħejja għall-*Bxara t-Tajba*, l-Azzjoni Kattolika tniedi kompetizzjoni li toffri rebħ ta' *Voucher* li jissarraf ma' għoxrin lira kotba u oġġetti reliġjużi ta' ispirazzjoni nisranija (bħalissa bi prezzijiet speċjali) minn dan il-ħanut speċjalizzat mad-Dar Ċentrali tagħha.**

Nistiednu lill-qarrejja jwieġbu waħda minn dawn il-mistoqsijiet:

*1) X'tip ta' kotba tippreferi?*

*2) X'laqtek b'mod partikulari matul din is-sena tal-Ġublew f'pajjiżna?*

Ma hemmx rabta dwar tul (ftit kelmiet jew paġni!) għax l-ittra rebbieħa titla' bix-xorti fit-3 ta' Diċembru. Tistgħu tibagħtu ittri kemm tridu lil:

**Kompetizzjoni Bxara t-Tajba**
**Azzjoni Kattolika**
**Triq Sir Arturo Mercieca**
**Victoria VCT 107.**

**OKKAŻJONI LI TESPRIMI L-OPINJONI TIEGħEK WAQT LI JKOLLOK OPPORTUNITÀ LI TIRBAĦ *VOUCHER* TA' LM20!!!**

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

***EĦILSU MILL-QILLA TAX-XEMX***
***U SEBBĦU T-TWIEQI TAGĦKOM***

**GOZO VERTICALS, BLINDS & SHADES LTD.**

***ta' TONY CAMILLERI***

*FEJN ISSIBU VARJETÀ KBIRA TA'*

**BLINDS U SHADES TA'**
**MATERJAL, ALUMINIUM U PLASTIC**

***PREZZIJIET RAĠJONEVOLI***

*Għal aktar tagħrif*
*Ċemplu* 553352, 562211 Fax 562211 Mobile 099 5001.
*jew irrikorru* N.B. Cocco Palmeri Street, Nadur, Għawdex.

# SITT VOKAZZJONIJIET ĠODDA GĦAS-SEMINARJU T'GĦAWDEX



Mal-ftuħ mill-ġdid tas-Seminarju fil-bidu t'Ottubru, sitt żgħażagħ Għawdxin wiegbu għas-sejħa li għamlilhom il-Mulej u bdew il-kors ta' formazjoni li jwassalhom, jekk il-Bambin irid, biex isiru saċerdoti. B'hekk, issa fis-Seminarju tagħna attwalment insibu 24 seminarista.

Il-ħidma vokazzjonali għandha storja twila fil-ħajja ta' dawn il-qlub żgħażagħ ġenerużi. Huwa fatt li jagħmlilna ġieħ bħala poplu li l-familji tagħna jistgħu jissejjħu benniena ta' kull vokazzjoni. Il-beraq fil-familja ma jgħinx fil-formazzjoni sħiħa u ekwilibrata ta' l-ulied, u, per konsegwenza, jiżvija lill-individwu milli jista' jagħraf sewwa l-pjan t'Alla għalih u jsegwih mingħajr kumplessi barra min-normal. Għalhekk kull ħidma favur il-familja hija ndirettament ħidma favur il-vokazzjonijiet.

Ta' min isemmi l-fejda fil-ħidma vokazzjonali li ssir b'għaqal u b'kontinwità fil-parroċċi tagħna, kemm minn min hu responsabbli għaliha fil-parroċċa rispettiva kif ukoll mis-seminaristi li kull weekend tarahom iwettqu din il-ħidma fil-parroċċa assenjata lilhom mis-Seminarju.

Il-formazzjoni għall-ħajja b'orjentament saċerdotali ta' dawk li huma sixth formers ssir fi ħdan il-PreSeminarju, realtà reċenti fid-djoċesi tagħna. Tliet snin ilu Mons. Isqof talabni biex nibda nieħu ħsieb il-formazzjoni ta' dawn l-istudenti, u għall-grazzja t'Alla ħalliet il-frott. Prattikament 16-il Seminarista minn dawk attwalment fis-Seminarju kellhom ix-xorti li jagħmlu din l-esperjenza li, fost l-oħrajn, isservi bħala pont bejn il-ħajja barra mis-seminarju u dik ġewwa.

Fil-preżent għandna madwar 15-il student li jiffrekwentaw il-PreSeminarju tagħna. Niltaqgħu għal weekend ta' talb, riflessjoni, komunjoni, darba fix-xahar. Normalment kulħadd jiġi bi ħġaru. Isiru ukoll kollokji b'ċerta regolarità ma persuni mħejjija sew fil-qasam vokazzjonali. Ma' dawn il-weekends ġieli jiżdiedu laqgħat oħra ta' formazzjoni kif ukoll rikreattivi. Għal sentejn konsekuttivi għamilna esperjenza ta' volontorjat Messina, fi Sqallija.

Din is-sena tal-Ġublew tal-Inkarnazzjoni ma stajniex ma nagħtux il-possibilità lil dawn l-istudenti biex jipparteċipaw għall-Ġurnata Mondjali taż-Żgħażagħ f'Ruma. Kienet esperjenza indimentikabbli u ma setgħetx ħlief wessgħet qlub dawn l-istudenti fuq il-Knisja Universali u l-Knisja tal-futur li għaliha jixtiequ jsarrfu ħajjithom b'imħabba dejjem ġdida u b'ġenerożità perseveranti.

Forsi int li qed taqra dan l-artiklu tħoss fik xi sejħa biex tagħti lilek nnifsek lil Alla. Biżżejjed tikkuntattjana. Jew forsi inti li qed taqra tixtieq tgħinna minn darek. Itlob għalina.

*Fr. Joe Zammit*
*Direttur tal-PreSeminarju*

# TA' PINU F'RUMA

## L-GĦOXRIN KUNGRESS MARJOLOĠIKU-MARJAN INTERNAZZJONALI U L-ĠUBLEW TAS-SANTWARJI

Nhar il-Ħadd 25 ta' Settembru, kien iċċelebrat il-Ġublew tas-Santwarji ġewwa San Pietru, il-Vatikan. Qabel il-quddiesa, immexxija mill-Papa Ġwanni Pawlu II, kien hemm korteo b'għadd ta' standardi li jirrapreżentaw santwarji minn djoċesijiet differenti minn madwar id-dinja. Fost dawn, kien hemm il-bandalora bix-xbieha tal-*Madonna Ta' Pinu*, merfugħa minn Josepha Scerri. Mons. Beneditt Camilleri, Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu, Dun Gerard Buhagiar u jien ukoll ħadna sehem f'din il-konċelebrazzjoni.

Dakinhar, fl-omelja l-Papa fisser kif id-*devozzjoni awtentika* lejn Marija ta' Nażaret għandu jkollha l-pedament fl-Iskrittura u t-Tradizzjoni, tkun immirata biex tgħin lill-bniedem jikber fl-għaqda ma' Alla u tkun ħielsa mis-superstizzjoni u twemmin fieragħ!



**L-Ikona tat-Tħabbira li ntużat matul il-Kungress**

Nista' ngħid li dan il-ħsieb tal-Papa huwa ġabra fil-qosor tal-messaġġ qawwi li ħareġ minn ***L-Għoxrin Kungress Marjan-Marjoloġiku Internazzjonali*** organizzat bejn il-15-24 ta' Settembru mill-Akkademja Pontifiċja Marjana Internazzjonali. It-tema prinċipali ta' dan il-Kungress kienet "*Il-Misteru tat-Trinità u Marija*". Il-laqgħat ta' studju, li kienu jsiru fil-kumpless tas-Santwarju tad-*Divino Amore*, f'Ruma, kienu mqassma f'żewġ partijiet: matul is-sessjonijiet plenarji li kienu jsiru filgħodu, teoloġi u esperti minn pajjiżi differenti – kattoliċi, ortodossi u anglikani – qraw *papers* b'temi interessanti li jittrattaw it-tema tal-Kungress mill-aspett bibliku, patristiku, ekumeniku, liturġiku u ikonografiku.

Imbagħad, wara nofsinhar, il-kungressisti kienu jinqasmu fi gruppi lingwistiċi; b'kollox kien hemm tnax-il grupp. F'dawn il-gruppi, il-kelliema svolġew it-tema ġenerali tal-Kungress b'referenza għal esperjenzi varji f'diversi kulturi u pajjiżi. Proprju fil-grupp li kien iħaddan imsieħba mill-Ingilterra u mill-Amerka, Dun Gerard Buhagiar, li huwa lawrejat fil-Marjoloġija, f'isem is-Santwarju Ta' Pinu ppreżenta studju dwar *"Mary's relationship to the Trinity in 'Kurunelli' - Maltese hymnial prayers"*. L-analisi kritika ta' ftit kurunelli Marjani li għamel Dun Gerard kienet apprezzata ħafna.



Kien ta' sodisfazzjoni għalina li ħadna sehem f'dan il-Kungress tara mhux biss apprezzament mill-organizzaturi għall-kontribut li ta s-Santwarju ta' Pinu, imma wkoll għadd sabiħ ta' kungressisti jiftakru b'nostalġija meta fl-1983 ġew Malta għal Kungress bħal dan, speċjalment il-konklużjoni li kienet saret f'Ta' Pinu.

*Dun Mario Gech*

Dun Ġorġ Preca - 9

# DUN ĠORĠ BĦALA PREDIKATUR

Dun Gorġ Preca kien konxju ħafna tas-sitwazzjoni reliġjuża ħażina li fiha kien jinsab il-poplu malti. Għalhekk kull meta ppriedka dejjem żamm quddiemu din is-sitwazzjoni.



Infatti, għalkemm huwa kien devot ta' ħafna qaddisin, qatt ma kiteb forma ta' priedki fuqhom li jfaħħarhom iżda għamilhom eżempji ta' tagħlim għal kulħadd. Infatti f'ħajtu huwa għamel ħafna konferenzi u sajdiet li fihom kien iwassal il-messaġġ t'Alla lill-poplu. Infatti dan kien l-iskop ewlieni ta' ħajtu.

Il-konferenzi tiegħu kien fihom naqra minn kollox, ġrajjiet tal-qaddisin, sentenzi mill-Bibbja, stejjer li kien sema' jew qara flimkien mat-tagħlim tal-qaddisin u t-tagħlim tal-Knisja.

Huwa tant kien jitkellem mill-esperjenza, li kien iqajjem persważjoni f'min jisimgħu. Infatti għadek tisma persuni li kienu jmorru għall-konferenzi tiegħu, li qatt ma kienu jixbgħu jisimgħuh. Huwa kien jitkellem ħafif b'mod li jifhmu kulħadd.

Kien iħobb jagħti ħafna eżempji ħfief biex bihom iwassal tagħlima. Infatti huwa kien iħobb jgħid li mill-konkret naslu għall-astratt. Għalhekk l-ewwel kien iġib eżempju u imbagħad kien jislet tagħlima spiritwali minnu.

Fil-konferenzi tiegħu huwa kien jaħrab l-istil tqil u jitkellem b'mod li jifhmu kulħadd. Huwa kien iħobb jitkellem fuq il-maħfra tal-għedewwa, u speċjalment l-eskatoloġija jiġifieri fuq il-mewt, ġudizzju, ġenna u infern. Huwa kien jemmen, bħall-predikaturi ta' żmienu, li bil-predikazzjoni fuq in-*Novissimi* jista jqanqal lill-midneb biex jikkonverti. Infatti huwa jgħid: "bdejt nitkellem bl-ikbar serjetà fuq is-serjetà tal-mewt, li l-mewt titfagħna fit-tribunal ta' Kristu, mit-tribunal ta' Kristu sentenza jew ġenna jew infern; f'kelma waħda kont inħabbat wisq fuq il-meditazzjoni fuq il-mewt, illi bosta u bosta nies kienu jimpressjonaw ruħhom. Wieħed raġel, darba, semagħni u qallhom lin-nies, 'Ma nerġax nisimgħu iżjed, kif għamilli qalbi daqs lewża!' U ma reġax ġie għax miet!".

Forsi illum ngħidu li dawn il-priedki huma antikwati. Però il-Papa preżenti Ġwanni Pawlu II fil-ktieb tiegħu, "Immorru lil hemm mill-għatba tat-tama" jgħid li dawn il-priedki għandhom fundament fil-Bibbja, filwaqt li jesprimi l-fehma tiegħu li llum naqsu predikaturi li jfakkru lill-poplu fuq il-ħajja ta'wara din id-dinja.

Żgur li Dun Gorġ ma kellux xi stil mirqum jew ta' livell intellettwali għoli ħafna. Però kien jitkellem mill-qalb, mill-konvinzjoni tiegħu, u dak li kien kiseb kien jgħaddih lill-oħrajn. Kif jgħid il-proverbju Latin: "Ħadd ma jagħti min dak li ma għandhux"; hekk, b'dan il-mod, Dun Gorg Preca dejjem kien jagħti fil-konferenzi tiegħu tagħlim li ġabu mill-istudju u mill-intimità ma' Alla.

**Angelo Xuereb**




57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31




# BEATIFIKAZZJONI LI TOLQOTNA MILL-QRIB



Nhar il-Ħadd 3 ta' Settembru, il-Papa mexxa quddiesa solenni konċelebrata fi Pjazza San Pietru li tulha ddikjara bħala Beati lil ħames Servi t'Alla: il-Papiet Piju IX u Ġwanni XXIII, l-Arċisqof Tommaso Reggio ta' Ġenova, Fr. William Joseph Chamindale, fundatur tal-Marjanisti u Dom Columba Marmion, Abbati ta' Maredsous u kittieb spiritwali magħruf.

Ir-rabta tal-Beatu Giovanni Maria Mastai Ferretti (Piju IX) mad-djoċesi tagħna hija rabta vitali. Kien hu li, wara li ħa nteress personali fit-talbiet ta' l-Għawdxin, fired lill-gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna minn Malta u waqqafhom bħala djoċesi awtonoma fis-16 ta' Settembru 1864 bil-Bulla *Singulari Amore*.

Minkejja l-ħafna differenzi ta' bejn il-ħames beati ġodda, Papa Wojtyla qal li huma kienu magħqudin flimkien permezz tax-xewqa komuni għall-qdusija: "Hi preċiżament il-qdusija tagħhom li aħna nagħrfu llum: qdusija li hi relazzjoni profonda u trasformanti ma' Alla, mibnija u mgħixa fl-isforz kontinwu biex titwettaq ir-rieda tiegħU".

Fis-7 ta' Frar 1878, l-itwal pontifikat fl-istorja ntemm permezz ta' mewta qaddisa. Il-Beatu Piju IX mexxa kuraġġjożament lill-Knisja fi żmien ta' taqlib kbir. Kien fi żmien li Ruma għaddiet taħt idejn il-qawwiet Taljani fl-1870 u Piju IX qies lilu nnifsu bħala priġunier fil-Vatikan.

Fl-omelija tat-3 ta' Settembru li għadda, Ġwanni Pawlu II qal dwar dan il-Papa "tant maħbub, iżda wkoll tant mibgħud u kalunnjat", li, qalb il-ġrajjiet imqallba ta' żmienu, hu kien eżempju ta' fedeltà nkondizzjonata lejn il-veritajiet tal-fidi. Dejjem fidil lejn dmirijietu, kien jaf jagħti l-ewwel post lil Alla u lill-valuri spiritwali. Kien jafda mmens fil-provvidenza t'Alla, u għalhekk kellu serenità kbira meta n-nies ma kienux jifhmuh u xi drabi jattakkawh b'mod tassew ostili. Piju IX sejjaħ l-Ewwel Konċilju Vatikan, li ċċara ċerti kwistjonijiet disputati fi żmienu, u tul il-waqtiet tqal sab għajnuna fil-Madonna, li lejha kien tant devot. Meta pproklama d-Domma tal-Kunċizzjoni Immakulata hu fakkar lil kulħadd li qalb l-imwieġ tal-ħajja d-dawl ta' Kristu jiddi f'Marija u hu aqwa mid-dnub u l-mewt.

*Qronfli*

**FRESH & ARTIFICIAL FLOWER ARRANGEMENTS FOR ALL OCCASIONS**

**Specializing in:**
**WEDDING BOUQUETS,**
**CHURCH & RECEPTION DECORATIONS,**
**FUNERAL WREATHS**




J. Azzopardi
46, Mikiel Farrugia Street,
Xagħra, Gozo.

**Tel: 552759**

Is-Sisien Tat-Tagħlim Soċjali Tal-Knisja

# 6. Il-Libertà Reliġjuża fil-kors ta' l-Istorja tal-Knisja

mill-E.T. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof t'Għawdex



Ħarsa iktar dettaljata lejn l-istorja tal-Knisja Kattolika turina kif fit-teorija u fil-prattika, daqqa iktar u daqqa inqas, ġie osservat il-jedd tal-libertà reliġjuża.

## 1. Il-Knisja tal-martri

L-eluf li mietu martri kienu persważi li għandhom dan id-dritt tagħhom u li ebda stat u ebda setgħa tad-dinja ma jistgħu jfixkluhom li jwettqu dak li jemmnu. Huma applikaw fil-prattika l-prinċipju li fuqu mxew l-Appostli. "Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli 'l bnedmin" (Atti 5,29).

## 2. L-Editt ta' Milan (A.D. 313)

Bih l-Imperatur Kostantinu kkonċieda t-tolleranza lir-Reliġjon Nisranija u taha wkoll il-protezzjoni tiegħu. Dan ma jfissirx, però, li b'dan l-editt il-libertà reliġjuża saret wieħed mill-jeddijiet umani rikonoxxuti fl-Imperu Ruman kollu, għaliex anke wara dik id-data kien hemm ukoll persekuzzjonijiet u repressjonijiet, għall-inqas fost xi komunitajiet insara.

## 3. Żvilupp taċ-Ċesaro-Papiżmu

Fl-Imperu Ruman tal-Punent u f'diversi pajjiżi tal-Ewropa kien hemm kollaborazzjoni, għad li mhux dejjem faċli, bejn il-Knisja u l-Istat. L-Imperaturi kienu jinqdew bir-reliġjon u bil-Knisja bil-għan li jħarsu l-integrità u l-unifikazzjoni tal-imperu tagħhom. Il-Knisja, min-naħa tagħha, mhux l-ewwel darba li rrikorriet għas-setgħa tal-Istat, l-hekk imsejjaħ *braccio secolare,* sabiex tkun tista' twettaq ċerti attivitajiet tal-missjoni spiritwali tagħha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-awtoritajiet ċivili mexxew persekuzzjoni kontra l-pagani u l-eretiċi, li kienu meqjusa bħala periklu għall-unità nazzjonali u għedewwa tal-istat. Fl-Orjent, l-istat f'ċerti epoki wasal biex jistrumentalizza r-reliġjon, u xi imperaturi kienu jippretendu li kellhom il-jedd jiddettaw dak li għandhom jemmnu u jagħmlu l-insara sudditi tagħhom. Jidher ċar li f'kuntest soċjali bħal dan mhux dejjem kien jiġi rispettat il-jedd tal-libertà reliġjuża.

## 4. Il-Kittieba ekkleżjastiċi ta' l-ewwel żminijiet

Il-prinċipju tal-libertà reliġjuża huwa affermat bosta drabi fil-kitbiet tagħhom. Hekk Tertulljanu fit-III seklu kiteb: "Huwa kontra n-natura tar-reliġjon li timponiha bil-forza; ir-reliġjon għandha tiġi mħaddna bil-libertà u ħadd ma għandu jiġi sfurzat biex jaċċettaha." San Ġwann Kriżostmu: "L-insara m'għandhomx jipprovaw jeqirdu l-iżball bil-qawwa u l-forza, iżda għandhom jippromovu s-salvazzjoni tal-bniedem bil-paċenzja, bit-tagħlim u bl-imħabba."

## 5. Il-Medju Evu

Dan ma kienx perjodu sabiħ għal-libertà reliġjuża. Kienu żminijiet ta' ħruxija li fihom nibtu istituzzjonijiet bħal ma huma l-Inkwiżizzjoni u l-*ghetto* tal-Lhud. Fil-pajjiżi nsara, għad li kien hemm ċerta tolleranza limitata għan-nies ta' reliġjonijiet oħra bħal Mawmettani u Lhud, iżda b'ebda mod ma kienu jittolleraw li wieħed nisrani jħaddan twemmin ieħor. Għalihom, il-verità u l-unità tal-insara kienu jiġu qabel id-drittijiet tal-individwi għall-ħajja u l-ħelsien, u biex iħarsu din l-unità tat-twemmin nisrani kienu jirrikorru għal mezzi severi li kienu komuni f'dik l-epoka. Hekk il-piena tal-mewt għal min ikun ħati tal-ereżija daħlet fi Spanja fl-1194, fi Franza fl-1315 u fl-Ingilterra fl-1401.

## 6. L-epoka tar-Riforma

Dak li qabel kien jifforma imperu wieħed, li kien jgħożż reliġjon waħda, issa nqasam f'ħafna stati mmexxija minn prinċpijiet li minnhom xi wħud kienu favur ir-Reliġjon ta' Ruma u oħrajn kienu favur ir-Riforma tal-Protestanti. Atti ta' intolleranza ġraw kemm minn naħa kif ukoll minn oħra. Jekk huwa veru li l-Kattoliċi ppersegwitaw lill-Protestanti, kif ġara per eżempju fi Franza, daqshekk ieħor huwa veru li xi komunitajiet protestanti nqdew bis-setgħa tal-prinċpijiet biex jinfrzaw ir-Riforma u jgħakksu lil

dawk li ma kienux jaqblu mal-opinjonijiet reliġjużi tagħhom. It-trattat magħruf bħala "Il-Paċi ta' Augsburg"(1555) ħareġ bil-kompromess *cujus regio, illius et religio*, jiġifieri li s-sudditi kellhom iħaddnu t-twemmin li kellu l-prinċep tar-reġjun li jkunu fiha, u jekk dan ma jogħġobhomx iħallu dak il-pajjiż u jfittxu pajjiż ieħor fejn twemminhom ikun tollerat. Dan il-prinċipju jimplika d-dritt li l-prinċep jista' jimponi r-reliġjon fuq is-sudditi tiegħu u jobbliga lil min ma jaqbilx li jfittex l-eżilju. Din is-sitwazzjoni ma tiffavorixxix il-libertà reliġjuża.

## 7. Is-seklu dsatax

Skond il-lajċisti tas-seklu dsatax il-libertà tal-kult kienet timplika żewġ affermezzjonijiet:
(i) il-kuxjenza hija kompletament awtonoma, jiġifieri l-anqas tirrikonoxxi l-liġi t'Alla u tal-Knisja;
(ii) ir-reliġjon hija affari għal kollox privata u tirrigwarda biss l-għażla tal-individwu.

Il-Papiet ta' dak is-seklu, u b'mod partikolari l-Papa Piju IX, kienu kuntrarji għal dan it-tagħlim u sostnew dejjem li l-kuxjenza tiddependi mil-liġi mogħtija minn Alla, li r-reliġjon għandha aspett soċjali u l-komunità kollha għandha tinteressa ruħha minnha. Il-Papa Ljun XIII, fl-enċiklika tiegħu dwar il-libertà, għad li l-kunċett tal-libertà reliġjuża fi żmienu kien għadu ma laħaqx l-iżvilupp tal-lum, jammetti xi għamliet ta' tolleranza reliġjuża meta jgħidilna: "Mingħajr ma jiġi mogħti ebda dritt ħlief għal dak li huwa veru u onest... għar-raġunijiet tal-ġid komuni... il-liġi umana tista' u anke għandha tittollera l-ħażen, iżda la għandha u l-anqas qatt tista' tapprovah."

## 8. Is-seklu għoxrin

Għad li s-seklu għoxrin huwa magħruf bħala "l-epoka tal-pluraliżmu", ma kienux nieqsa però l-persekuzzjonijiet reliġjużi kif ġara fl-istati totalitarji bħal ma kienet il-Ġermanja Nażista. Kienu u għadhom komuni f'diversi pajjiżi r-restrizzjonijiet tal-libertà reliġjuża, bħal ma jiġri fost l-oħrajn fejn hemm reġim komunista u fl-istati islamiċi. It-tolleranza reliġjuża kienet suġġett li fuqu tkellmu l-Papiet anke qabel il-Konċilju. Skond il-Papa Piju XII, l-iżball m'għandux dritt li jeżisti; allura, meta jkun hemm kunflitt bejn il-verità oġġettiva u l-kuxjenza individwali, għandha tirbaħ ta' l-ewwel. Fi kliem ieħor, ir-reliġjon vera biss li għandha dritt teżisti; iżda biex tinżamm il-paċi u ma jinħoloqx inkwiet, l-istat jaqbel li jittollera reliġjonijiet oħrajn. Il-Papa Ġwanni XXIII jiddistingwi bejn l-iżball u min jiżbalja, id-dnub u min jidneb; il-falsità u d-dnub m'għandhomx jeddijiet, iżda min hu fl-iżball jew fid-dnub jibqa' dejjem bniedem imżejjen bid-dinjità ta' persuna umana u b'jeddijiet umani li għandhom jiġu rispettati. Fl-enċiklika *Pacem in Terris,* il-Papa Ġwanni XXIII insista li kull bniedem għandu d-dritt iqim lil Alla "skond ir-regola ġusta tal-kuxjenza tiegħu."



## 9. Il-Konċilju Vatikan II

Barra mit-tolleranza li semmejna, il-Konċilju jipproklama wkoll il-libertà reliġjuża. Il-loġika tad-digriet *Dignitatis Humanae* hija din: il-bniedem għandu d-dritt u d-dmir li jfittex il-verità u jibqa' jistinka sa ma jsibha. Però ma jistax iwettaq dan id-dmir ħlief meta jkun ħieles. Din il-libertà tal-kuxjenza hija mitluba kemm mid-dinjità tal-persuna umana, kif ukoll mill-att tal-fidi li jagħmel il-bniedem li għandu twemmin veru. L-att tal-fidi, biex ikun ġenwin, jippresupponi l-libertà ta' l-individwu. Il-veritajiet reliġjużi mhumiex imposti fuq il-bniedem iżda proposti lilu biex jaċċettahom u jemminhom minn rajh.










© Anton F. Attard

# IX-XJUĦ FIL-FOLKLOR GĦAWDXI

## (It-Tieni Parti)

Nissuktaw illum bil-kitba tagħna dwar "Ix-Xjuħ fil-Folklor Għawdxi".

Imma naħseb li l-aktar ħrafa tipika li turina l-importanza tax-xjuħ sabiex jagħtu parir hija dik tax-Xiħ Midfun ġo l-Għar, ħrafa li kienet imxerrda sewwa ma' Għawdex u Malta u li jidher li saħansitra anki l-Istoriku Għawdxi de Soldanis kien jaf biha għaliex semmiha fil-qosor fid-dizzjunarju tiegħu taħt il-kelmiet "qawqam, qawqama".



Fil-qosor il-ħrafa tgħid hekk. Dari kienet hemm id-drawwa li x-xjuħ jaqfluhom fid-dwiemes jew għerien u jħalluhom imutu hemm. Iżda wieħed tifel ma kellux il-qalb iħalli lil missieru jmut hekk. Allura, qaflu fid-demus, imma ħalla mnejn ikun jista' jagħtih jerda' l-ħalib minn driegħ in-ngħaġ li kien imur jirgħi fil-qrib.

Mela s-sultan ħareġ liġi li ħadd m'għandu jiżra' r-raba' tiegħu qabel dak tas-sultan. Billi dan it-tifel kellu ħafna raba' x'jaħdem infixel u ma kienx jaf x'jaqbad jagħmel. Allura mar għand missieru fid-demus biex jieħu parir mingħandu. U dak qallu biex jixtri l-qawqama u l-qawqam, jiġifieri l-baqra u l-gendus tal-ħart, u bil-lejl jaħdem f'tiegħu u bin-nhar f'tas-sultan, u hekk l-uċuħ laħqu flimkien. Meta s-sultan intebaħ, bagħat għaż-żagħżugħ biex jara kif u dak qallu li ma setax ma jilħaqx ma tiegħu.

Is-sultan, meta ra li t-tifel kien jilħaqlu, ried jippruvah u l-ewwel qallu biex jerġa' jmur quddiemu liebes u għarwien, imbagħad mixdud u ħafi, u fl-aħħar riekeb u miexi. It-tifel kull darba kien imur għall-parir għand missieru xiħ maqful fil-għar.

U l-ewwel darba mar liebes xibka, u hekk kien liebes u għarwien, it-tieni darba mar liebes żarbun bla pett, u allura kien mixdud u ħafi, u tielet darba mar riekeb daqsxejn ta' felu li fil-waqt li kien riekeb fuqu, kien jista' jimxi wkoll.

Is-sultan għalhekk staqsieh: "Dan id-dehen kollu mnejn?"

"Mingħand missieri," wieġeb it-tifel, "li hemm maqful fil-għar."

Meta sar jaf b'kollox is-sultan ħareġ liġi li ħadd aktar ma għandu jaqfel ix-xjuħ tiegħu fil-għerien, għaliex ix-xjuħ jekk ma jiswew għalxejn, jiswew biex jagħtu parir.

Mela l-għerf tal-ħajja jinsab għand ix-xjuħ.

Imma mhux kull għerf. Din li ġejja hija l-eċċezzjoni.

Il-qawl Għawdxi jgħid li "*Ix-xita ħruġ Marzu u dħul April, karru deheb u ieħor ħarir.*" Malta jgħidu biss "karru deheb fin". U minn Għawdex Patri Magri rnexxielu jiġbor din il-ħrafa li tfisser dan il-qawl.

Salamun kellu ħuh żagħżugħ li kien kważi għaref daqsu. Darba dan ħuh għamel xi ħaġa ħażina u ħarab u mar jistaħba għand wieħed xiħ. Salamun xtaq isib lil ħuh u għalhekk ordna li jpoġġu żewġ karrijiet fil-misraħ, wieħed imgħobbi bid-deheb u l-ieħor bil-ħarir. Min kellu jaqta' kemm jiswew, il-karrijiet isiru tiegħu.

Ħadd ma seta' jaqta'. Imma ħu Salamun lix-xiħ li kien joqgħod miegħu qallu li kien jaf kemm jiswew, daqs ix-xita ta' ħruġ Marzu u dħul April. Ix-xiħ mar u qata' kemm kienu jiswew. Imma Salamun bagħat warajh in-nies tiegħu biex isibu lil ħuh, għaliex dan il-għerf ħadd ma seta' jkun jafu ħlief ħuh. Mela hawnhekk naraw eċċezzjoni għar-regola: iż-żagħżugħ huwa egħref mix-xiħ. Imma lanqas ma rridu ninsew li dan kien ħu Salamun.

Niġu issa għan-nisa xjuħ. Fil-folklor Malti hemm il-għaġuża, mara xiħa u kerha, smina, u li ma tridx tmut. Skond il-qawl, "*Għalhekk il-għaġuża ma tridx tmut, għax aktar ma tikber aktar titgħallem.*" Ma jidhirlix li din il-għaġuża għandha x'taqsam mal-folklor Għawdxi. Il-għaġuża, bħall-bigilla, hija xi ħaġa tal-Maltin. Minkejja li ma tridx tmut, il-għaġuża jingħad li kienu jitfgħuha mill-kampnar tal-knisja għal isfel f'nofs ir-Randan. It-tfal Maltin kienu jmorru taħt il-kampnar tal-knisja biex jarawha nieżla, imma meta ma jiġri xejn, jerġgħu jmorru lura lejn id-dar.

F'Għawdex aktar tissemma n-Nanna Għula. In-Nanna Għula hija mara xiħa, saħħara, li ttir fuq lasta ta' xkupa, u taqbad xi tfajla sabiħa biex issakkarha fil-ħabs tagħha. Iż-żerriegħa tat-tfief ittir fl-ajru, meta konna żgħar konna nsejħulha Nanna Għula. In-nisa xjuħ u koroħ kellhom fama li huma sħaħar u li jgħajnu. Il-leġġenda tal-Belliegħa tgħid li s-seba' xebbiet sbieħ ta' Selika għajnithom mara xiħa li kienet tgħix biss bil-ħalib tal-mogħża. Dawn spiċċaw imgħarrqin fil-belliegħa li kien hemm fuq is-sies f'tarf il-Wied ta' Żejta.

Aspett ieħor tal-folklor Għawdxi dwar ix-xjuħija huwa dak taż-żwieġ. Ir-raġel, xiħ kemm hu xiħ, dejjem jibqa' tajjeb għaż-żwieġ. Skond il-qawl: Raġel li jiflaħ qatta qasbija, kapaċi jagħmel tarbija. Il-kelma qasbija tintuża l-aktar f'Għawdex u tfisser il-parti ta' isfel taż-żara' meta fuq il-minġla tinqata' n-naħa ta' fuq fejn ikun hemm is-sbula. Qawl ieħor simili huwa dan: Raġel li jiflaħ qabda tiben, kapaċi jagħmel iben.

Mela sesswalment ir-raġel jibqa' tajjeb.

Imma min jidħol fiż-żmien jinqalgħulu l-problemi:

*Kif jiskorri l-ħamsin sena,*
*taħt il-ħajt imur jixxemmex,*
*għaliex xagħru jibjad jibda,*
*sa wiċċu jibda jitkemmex.*

Imma raġel imdaħħal fiż-żmien dejjem għandu ċans jiżżewweġ, kif tgħid din il-għanja:

*Jiena żwieġ ma rridx niżżewweġ,*
*baramhieli għat-tuffieħ,*
*'k tinqala' xi fantasija*
*wieħed naqbad, nieħu xiħ.*

Għalhekk xi nisa ma jiddejqux jiżżewġu wieħed imdaħħal fiż-żmien. Darba waħda tfajla ta' fuq l-għoxrin sena ħarġet ma' wieħed imdaħħal fiż-żmien. Xi ħadd qalilha: "Ilbieraħ rajtek ma' wieħed

xiħ." It-tfajla daret fuqu bil-herra u weġbitu: "Billi, mhux raġel bħall-oħrajn!" B'dana kollu tfajliet bħal din ma jeħilsuhiex mill-ilsien ħażin tan-nies. Isimgħu din il-għanja folkloristika:

*Kont imħarrka biex tiżżewweġ*
*ridtu ġuvni u ħadtu xiħ,*
*biex ittellgħu fuq is-sodda*
*x'paċenzja trid tieħu bih.*

Fl-istejjer romantiċi, meta tfajla żagħżugħa jkunu jridu jżewġuha wieħed xiħ, aktarx nuru stmellija għal proposta bħal din. Fir-rumanzi u fl-istejjer ta' l-imħabba aktarx insibu li t-tfajla finalment tispiċċa biex tieħu wieħed żagħżugħ ta' imparha jew almenu ftit ikbar minnha. Imma fil-ħajja prattika, żwiġijiet bħal dawn jistgħu jispiċċaw ħażin. Għalhekk il-qawl tagħna jwissi: Aħjar xiħ u għaref milli żagħżugħ u ibleh. Hawnhekk naraw li s-sens jirbaħ fuq kollox. Infatti, qawl ieħor iwissi: Ħu raġel ikbar minnek u mhux żagħżugħ jixba' minnek. L-imħabba ta' min hu mdaħħal fiż-żmien m'hijiex mibnija fuq is-senswalità, daqskemm fuq ir-rispett. Araw għaliex: Wieħed xiħ, bewsa ta' mara ma tagħmilx bih; wieħed żagħżugħ, bewsa ta' mara toħroġlu d-dmugħ. Imma f'wieħed imdaħħal fiż-żmien tfajla tista' tara l-flus u aktar sigurtà, l-aktar jekk din it-tfajla rari kellha proposti ta' żwieġ.



Nagħlqu dan l-istudju tagħna b'kelma dwar il-mewt. Hawn Għawdex għandna t-twemmin li l-mewt iddur madwarna. Meta nkunu tfal u żagħżagħ, il-mewt tkun warajna, mela, ma narawhiex; meta nkunu ta' mezz'età tersaq għal ma' ġenbna, u allura kultant bħal narawha; iżda meta nixjieħu l-mewt tiġi quddiemna u rridu u ma rridux nibdew narawha. Kulħadd irid imut, għaliex aħna ġejna flok ħaddieħor u ħaddieħor irid jiġi flokna. Għomor twil hu dejjem grazzja minn Alla, xorti, rigal li s-siwi tiegħu ma jitkejjilx bit-tul, imma bl-użu li nkunu għamilna minnu. Ix-xiħ irid u ma jridx jikseb esperjenza li kulħadd jirrikonoxxiha. Għalhekk, jekk minn saħħtu x-xiħ hu nieqes u batut, minn għerfu x-xiħ għandu biex ibigħ. Fil-Ktieb ta' Bin Sirak Alla jwiegħed għomor twil lil min jirrispetta lil ommu u lil missieru. Għalhekk, għomor twil jissejjaħ età venerabbli, żmien li jisthoqqlu l-qima ta' kulħadd. Jalla intom ilkoll tilħqu wkoll għomor twil u età venerabbli.

(TMIEM)

TAL-KELBA
• Building Contractor
• Crane & Generator Hire
Contact:
RAYMOND CEFAI
'RayRita' Triq it-Tempju,
Qala, Gozo,
Tel: 557847, 562532
Mobile 099 3169

St. Joseph
Guest House
BAR & RESTAURANT
(tal-Gaġġu)
Home Made Food
Open Monday to Sunday at Lunchtime
CONCEPTION STREET • QALA • GOZO
TEL: 556573

MANHATTAN COLLECTION

Exclusive Ladies Fashion Wear

Ħwejjeġ għal kull okkażjoni
bi prezzijiet moderati

"St. Joseph", 31st March Street, Victoria, Gozo. Tel: 553433.



Bortelli Woodworks

For all Kind of Furniture

With 25 Years of experience

*Workshop:*
26, P.P. G.M. Camilleri St.,
Gharb, Gozo.
Tel./Fax: 560020
*Showroom:*
Borg Oliver St.,
Victoria, Gozo.
Tel: 564664
Mobile: 0940 5295
and ask for BERNARD






# IR-RUMANI (4)

## Sejbiet f'Għawdex

Il-belt Rumana ta' Għawdex, Gaulos, kienet fejn hemm illum ir-Rabat. Il-ħitan li kienu jdawwru din il-belt kienu jaqbdu minn taħt il-bastjun ta' San Ġwann (ftit tas-snin ilu, meta kien qed jitnaddaf il-foss taċ-Ċittadella, inkixef minn taħt dan il-bastjun ħajt mibni minn ġebel kbir rettangulari, li x'aktarx kien jifforma parti minn dan il-ħajt) jinżel għal Triq ir-Repubblika, jaqsam għal Triq Palma u jibqa' tiela' lejn Misraħ San Franġisk u jdur fi Triq Vajringa. Fdalijiet minn dan il-ħajt inkixfu meta kien qed isir xi bini ġdid fi Triq Palma ftit tas-snin ilu. Minn Triq Vajringa l-ħajt kien jibqa' sejjer għal Misraħ Santu Wistin għal Triq il-Librerija, jgħaddi minn Triq Santa Marija fejn jaqsam Pjazza Savina u jerġa' jagħqad maċ-Ċittadella min-naħa tal-bastjun ta' San Martin. Illum ma' baqa' xejn mill-belt Rumana, imma awturi tas-sekli sbatax u tmintax bħal Abela, Houel u De Soldanis isemmu li fir-Rabat kien għad hemm ħafna fdalijiet ta' bini, bħal kolonni, kapitelli, gwarniċuni u biċċiet ta' statwi. Uħud minn dawn jinsabu fil-Mużew tal-Arkeoloġija, fiċ-Ċittadella.

Ftit insibu tagħrif dwar siti rumani fil-gżira Għawdxija. Kittieba tas-seklu tmintax isemmu fuq fuq żewġ postijiet, li huma l-Ħaġġarija, ħdejn it-telgħa tal-Kastell u l-Għajn il-Kbira (Fontana) qrib ir-Rabat. Iżda fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra, sewwa sew taħt il-għolja tax-Xagħra, fl-1910 Sir Temi Zammit skava villa Rumana ta' kobor mhux ħażin. Dawn il-fdalijiet kienu reġgħu ntradmu biex ma ssirilhomx ħsara peress li qegħdin qrib ħafna tal-baħar. Il-kumpless kien jikkonsisti f'dsatax-il kamra; il-villa kellha magħha wkoll il-banjijiet, kif kien hemm fil-villa ta' Għajn Tuffieħa, jiġifieri kienet mgħammra bil-*calidarium*, it-*tepidarium* u l-*frigidarium,* kif ukoll il-fran għall-ilma sħun. Kamra minnhom instabet miksija bil-biċċiet tal-irħam kulurit. Imma sfortunatament il-vandaliżmu tan-nies irnexxielu jneżża' lil din il-bajja tant sabiħa mill-unika villa li setgħet titgawda minn dawk li għandhom għal qalbhom il-wirt kulturali ta' pajjiżna.

Fix-Xewkija nstabu oġġetti marbuta wkoll mal-ħajja agrikola, speċjalment fl-għasir taż-żebbuġ għaż-żejt. Fil-mużew tal-Arkeoloġija nsibu parti minn *trapetum* (mgħasar taż-żebbuġ) li ġie skavat minn dan il-post.

Niltaqgħu wkoll ma' żewġ nawfraġji ta' xwieni Rumani, it-tnejn fl-istess post, barra il-bokka tal-bajja tax-Xlendi. Wieħed mix-xwieni kien iġorr il-merkanzija u kien mgħobbi bi kwantità ta' ġarar tal-fuħħar li kienu jkunu mimlija bl-inbid, żejt, zlazi tal-ħut u b'laħam immellaħ. Dan ix-xini kien x'aktarx ibaħħar bejn Palermu u Tuneż. Waqt xi maltempata pprova jidħol għall-kenn fil-bajja tax-Xlendi, iżda inkalja fuq is-sikka li tinsab kif toħroġ mix-Xlendi. Mit-tieni għarqa ġew mtella' ftit ġarar. Dawn il-ġarar, ta' forom diversi, flimkien ma' numru ta' ankri taċ-ċomb li nstabu fuq l-istess xwieni, jinsabu għall-wiri fil-Mużew tal-Arkeoloġija fiċ-Ċittadella.

Ħaġa kurjuża ħafna, f'Għawdex ma nstabux katakombi bħalma nsibu barra l-ħitan tal-belt antika Melita. L-uniċi fdalijiet insibuhom f'Għar Gerduf, qabel tidħol f'Kerċem, ħdejn l-arkata tal-Lunzjata, imma barriera li kien hemm kważi rvinat kollox. Għalkemm ebda fdal ta' bini pubbliku għadu ma nstab jew ta' xi tempju ta' żmien ir-Rumani (minbarra dak tas-Silġ, fejn dan it-tempju ta' żmien Puniku kien għadu jintuża fi żmien ir-Rumani u anki dak ta' Ras il-Wardija, f'Għawdex) is-sbuħija artistika




**Il-pjanta tar-Rabat flimkien maċ-Ċittadella li turi fejn probabbli kienu mibnija l-ħitan fi żmien ir-Rumani.**

tal-mużajk u l-iskulturi li rnexxielhom jaħarbu l-qerda juru li żmien ir-Rumani, għalmenu fi żmien Ruma Imperjali, kien epoka ta' kultura f'livell għoli ħafna, u l-banjijiet ta' Għajn Tuffieħa kif ukoll dawk tar-Ramla l-Ħamra huma xhieda li almenu s-sinjuri ta' dak iż-żmien kienu jafu jgħixu ħajja lussuża u sofistikata daqs kull imkien ieħor fl-Imperu.

Huwa minħabba l-fatt li l-Gżejjer Maltin gawdew minn żmien ta' paċi u prosperità taħt il-*PAX ROMANA* (paċi Rumana) li ftit li xejn insibu riferenzi f'kitba storika.

Kien il-ħsieb tiegħi li nibda din is-sensiela minn Żmien il-Ħaġar u nispiċċa fi żmien ir-Rumani, għalhekk b'din il-ħarġa naslu fi tmiem din is-sensiela. Id-darba li ġejja nibdew induru mal-mużewijiet li għandna fi gżiritna.

Nispera li dawn l-artikli kienu ta' nteress għalikom bħalma kienu ta' gwadann għalija fil-kisba ta' tagħrif dwar din l-art li tant inħobbu.

**Riferenzi**:


Bezzina Ġużeppi M., *The Ġgantija Temples*, Gozo 1992.

Bezzina Joseph, *The Gozo Citadel – a pictorial guide* (= Gaulitana 1), Gozo 1985.

Bonanno Anthony, *The Artist in Prehistoric Religious Ritual: Servant or Master?*, (Maltese Prehistoric Art) Malta 1996.

Bonanno Anthony, *The Archeology of Gozo – From Prehistoric to Arab times*, in *Gozo – Roots of an Island,* Malta 1990.

Bonanno Anthony, *Research on Prehistoric and Roman Gozo: Past, Present and Future*, (A Focus on Gozo), Malta 1996.

Bradford Ernle, *Mediterranean – Portrait of a Sea*, 1971.

Encarta Encyclopedia 1998, *Phoenicia, Punic Wars, Carthage, Roman Empire*.

Evans John D., *Malta – Ancient Peoples and Places*, 1963.

Evans John D., *What went on ia a Maltese Megalithic "Temple"*, (Maltese Prehistoric Art), Malta 1996.

Gauci Anthony, *Gozo – A historical and tourist guide to the Island,* Gozo 1969.

Malone Caroline - Stoddart Simon, *Pepresentations of Death – Discoveries at the Xagħra Stone Circle, Gozo*, (Maltese Prehistoric Art), Malta 1996.

McKeever Susan, *Ancient Rome*, 1995.

Trump David H., *Malta: An Archaeological Guide*, Malta 1972.

Trump David H., *Art in Pottery*, (Maltese Prehistoric Art), Malta 1996.

Vella Andrew P., *Storja ta' Malta*, Malta 1979.

Zammit Themistocles, *The Prehistoric Temples of Malta and Gozo*, Malta 1995.

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

## Il-Kolesterol
(it-tieni parti)

Fl-ewwel parti ta' din il-kitba tkellimna dwar l-importanza tal-kolesterol, għidna x'inhuwa l-kolesterol u tkellimna dwar il-kolesterol it-tajjeb u l-kolesterol l-ħażin. Fil-ħarġa ta' dan ix-xahar nitkellmu dwar it-test tal-kolesterol, kif innaqqsu r-riskju u x'miżuri nistgħu nieħdu biex innaqqsu l-livell tax-xaħam fid-demm. (F'din il-kitba l-użu tal-kelma "kolesterol" tinkludi t-tipi kollha ta' kolesterol, inkluż it-*triglicerides*).

L-uniku mezz biex tkun taf jekk għandekx kolesterol huwa billi tieħu t-test tad-demm tal-kolesterol. It-test isir billi l-individwu joqgħod sajjem minn kollox għal tnax-il siegħa u wara jittieħed ftit demm mill-vina tal-id. Jekk jirriżulta li l-livell tal-kolesterol ikun għoli trid tingħata l-kura u fuq kollox tinbeda dieta u ezerċizzju regolari. It-test tad-demm jerġa' jsir wara sitt xhur. Jekk it-tieni darba jirriżulta li jkun aħjar jew normali titkompla l-kura, inklużi d-dieta u l-eżerċizzju, u t-test m'għandux isir qabel sena oħra. Tajjeb imbagħad li wieħed ikompli bid-dieta u l-eżerċizzju, u jekk il-kolesterol jibqa' tajjeb t-test ma hemmx għalfejn isir kull sena. Hawn wieħed ma jridx jiffissa fuq in-numri u jekk jara li jkun xi ftit għoli joqgħod jinkwieta jew jirrepeti t-test ta' spiss. Ir-riżultat huwa biss indikazzjoni mhux ir-realtà. L-importanti hu li l-individwu jkompli d-dieta u l-eżerċizzju regolari. Importanti wkoll li l-kura tibqa' tittieħed minkejja li l-livell tal-kolesterol ikun normali. Din l-ħaġa ftit jifhmuha. Il-kura għandha funzjoni preventiva kontra l-mard tal-qalb u l-puplisiji u mhux biex noqogħdu nilagħbu bin-numri fuq il-karta tar-riżultat tad-demm. Mhux ta' b'xejn li r-riżultat tal-kolesterol huwa xi ftit ikkomplikat u ftit diffiċli biex tispjegah. Illum nafu li l-HDL (jew il-kolesterol it-tajjeb) huwa l-iktar parametru importanti, iktar mil-livell totali ta' kolesterol, tant li jekk dan ikun baxx ħafna (inqas minn 0.91 fl-irġiel u 1.16 fin-nisa) jiżdidlek ir-riskju ta' attakk ta' qalb. Barra minn hekk, in-numri ta' fuq il-karta weħidhom ma jfissru xejn: trid tintrepretahom flimkien u fis-sitwazzjoni tal-pazjent partikulari.

Għalhekk wieħed irid jikkonsidra l-pazjent partikulari u jara x'fatturi ta' riskju hemm. Kull fattur jista' jinfluwenza l-livell ta' kolesterol. Iktar ma individwu jkollu fatturi ta' riskju flimkien ma' kolesterol għoli, iktar hemm ċans ta' mard tal-qalb. Per eżempju, jekk inti għandek il-kolesterol għoli u tpejjep ħafna, iktar għandek ċans ta' mard tal-qalb minn wieħed li għandu l-kolesterol għoli iżda ma jpejjipx. Min-naħa l-oħra, jekk iżżomm id-dieta u ma tikolx xaħmijiet u tagħmel l-eżerċizzju regolari, tnaqqas ħafna ċ-ċans ta' mard tal-qalb, pressjoni u puplisiji.

**Fatturi ta' riskju**

Dawn nistgħu naqsmuhom fi tnejn:

a) dawk li jistgħu jitranġaw, u

b) dawk li ma nistgħu nagħmlu xejn għalihom.

### Fatturi li tista' tbiddel jew tirranġa huma:

- l-**eżerċizzju** jew in-nuqqas ta' eżerċizzju. L-eżerċizzju kuljum huwa importanti għas-saħħa u bih inżommu l-HDL normali. Mixja b'pass imgħaġġel ta' siegħa kuljum hija tajba ħafna għas-saħħa. Anke *aerobic excercises* huma tajbin ukoll.
- It-**tipjip** huwa dejjem ħażin għas-saħħa kemm għall-pulmuni u kemm għall-qalb u ċ-ċirkulazzjoni. It-tipjip jista' ibaxxi l-HDL bi 15%.
- Il-kontroll tal-**pressjoni** huwa fattur importanti wkoll. Jekk nieħdu ħsieb saħħitna u nieklu dieta tajba, nagħmlu l-eżerċizzju u ma npejpux, il-pressjoni li setgħa kellna fil-bidu tista' titranġa. Jekk din tibqa' għolja irridu nieħdu xi mediċini għaliha. Dan naturalment għandna neħduhom fuq il-parir tat-tabib tal-fiduċja għax hemm ċerti tipi ta' mediċini li jistgħu iżidu l-LDL u t-*triglicerides* u jbaxxu l-HDL.
- Il-**piż żejjed**. Dan huwa fattur li jittranġa jekk nieħdu ħsieb il-fatturi l-oħrajn. Huwa importanti li nagħmlu minn kollox biex innaqqsu l-piż żejjed għax dan iżid l-LDL, ibaxxi l-HDL u t-*triglycerides*.




- Fattur ieħor li tista' tikkontrolla huwa l-**livell taz-zokkor fid-demm** jekk inti diabetiku. Livell ta' zokkor għoli fid-demm iżid t-*triglycerides* u jnaqqas l-HDL. Għalkemm kontroll tajjeb tad-diabete mhux garanzija li ma jkunx hemm kumplikazzjonijiet, id-diabete huwa fattur ta' riskju li ma tistax tirranġa għal kollox.

**Fatturi li ma tista' tagħmel xejn għalihom:**

- L-**età**. Il-livell ta' LDL normalment jiżdied ma' l-età. Għala jiġri hekk u għax mhux f'kulħadd ma nafux.
- Is-**sess** tiegħek. Sa l-età ta' 45 sena l-irġiel normalment ikollhom livell ta' kolesterol iktar għoli min-nisa. Iżda wara l-menopawsa l-affarijiet jinbidlu, u llum ħafna nisa jieħdu l-HRT wara l-menopawsa biex iħarsu lilhom infushom mill-mard tal-qalb.
- L-aħħar fattur li ma nistgħu nagħmlu xejn dwaru huwa t-**tendenza fil-familja ta' kolesterol għoli**. Il-kolesterol għoli jista' jintiret mill-ulied u hemm tip ta' kolesterol li jkun fil-membri kollha tal-familja minn età żgħira.

**Għalhekk, fil-qosor, biex nnaqsu r-riskju tal-mard minħabba kolesterol għoli rridu:**

- innaqsu l-piż żejjed;
- innaqsu l-ammont ta' xaħmijiet fid-dieta, bħalma huma ħalib tal-kartuna mhux xkumat, ħalib tal-bott, krema, butir, *creamers*, *whipped toppings* u ġelat;
- nagħmlu eżerċizzju regolari;
- nevitaw ħafna tisjir regolari bix-xaħam u margerina ta' sikwit;
- nevitaw kejkijiet tax-xiri, gallettini u pastizzi;
- nevitaw kull xorta ta' ċikkulata, *toffee* u *fudge*;
- nevitaw patata tal-boroż, kokonat, u *cashew nuts*.

Ikel Ċiniż u ristoranti li jispeċjalizzaw fil-ħut huma l-aqwa ristoranti għal min huwa bil-kolesterol għoli. Għażel soppa ċara u salad; wara, ħut mixwi u spiċċa l-ikla bil-frott. Ftit imbid aħmar ma jagħmilx ħsara, anzi huwa tajjeb ħafna għas-saħħa!

L-eżerċizzji huma importanti ħafna. Trid tibda bil-mod u ftit ftit. Sib lil xi ħadd u mur il-*gym* jew għamel mixja miegħu.

Jekk inti tkun għamilt dan kollu u l-kolesterol jibqa' għoli, speċjalment l-LDL ikun iktar minn 4.1, inti jkollok bżonn il-mediċini. Dan għandu nħalluh fil-ġudizzju tat-tabib tagħna.

TAL-HWAWAR

Issa Tista' Tħawwar il-Borma bħal Dari

Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi, Frott Imqadded għall-Ħelu u Prodotti oħrajn għall-Ikel

14 - 15 Kerċem Road, Victoria, Gozo. Tel. 562160.

# Qorbot is-sena 2001!

**Erġa' ġedded l-abbonament tiegħek fir-rivista...**

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

**IL-LEĦEN TA' L-GĦAWDXIN!!!**

- 10 ħarġiet fis-sena
- Il-Ħidma tal-Knisja f'Għawdex
- Aħbarijiet u Ġrajjiet tal-ħajja Għawdxija
- Kummenti fuq il-ħajja reliġjuża u soċjali
- Intervisti fuq ġrajjiet u esperjenzi attwali
- Artikli ta' natura reliġjuża u tagħrif ġenerali
- Storja u Folklor tal-Gżira tat-Tliet Għoljiet
- Sport Għawdxi u Sportivi Għawdxin
- L-aħjar mod biex tagħmel reklam

**Ġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2001, u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll. Imla' din il-formola u ibgħatha flimkien ma ċekk jew *money order* ta' Lm3 jew Lm5 lill-Amministratur, IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX, Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria VCT 111, Għawdex.**

Isem: ____________________

Indirizz: ____________________

Nixtieq ☐ nabbona ☐ inġedded l-abbonament tiegħi fir-rivista

☐ Lm 3 Abbonat regolari

☐ Lm 5 Abbonat Sostenitur *Firma:* ____________________

# L-Istorja tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba

**Kan Dun Nikol Vella Apap pp.180; PEG Ltd., San Ġwann.**

B'din il-publikazzjoni l-awtur, il-Kan. Dun Nikol Vella Apap, bniedem midħla sewwa ta' l-istorja u l-folkor ta' pajjiżna, jiftaħ tieqa beraħ fuq is-Santwarju qadim li nsibu f'Birkirkara, u jagħti ukoll tagħrif siewi fuq il-150 kwadru *ex-voto* li bihom hija mżejna din il-knisja. Ħafna devoti tal-Madonna jżuru dan is-santwarju u jammiraw il-kwadri u jilmħu il-messaġġ li fihom. Responsabbli minn din it-tieni taqsima tal-ktieb kien is-Sur Joseph Zammit li, flimkien mas-Sur Anthony Sammut u r-restawratur is-Sur Emmanuel Muscat, kien ħa ħsieb it-tindif u r-restawr tal-kwadri u ħa l-okkażjoni biex kiteb il-ġrajja sa kemm kien possibbli ta' kull kwadru bit-tagħrif li jinsab fuqhom.



Il-Kan. Dun Nikol Vella Apap daħal bis-serjetà għal din il-biċċa xogħol li fdalu f'idejh ir-Rettur tas-Santwarju l-Kan. Dun Pawl Gauci. Dan is-santwarju jmur lura mijiet ta' snin u l-awtur jiftaħ proprju billi jitkellem dwar il-qedem tiegħu u t-tifsira tal-kelma "Santwarju". Imbagħad jgħaddi biex jifli s-Santwarju li għandna fil-preżent, u wara jispjega meta din il-knisja tissemma bħala dik "tat-twelid tal-Madonna" fil-viżti ta' l-Isqfijiet, u l-qima li wrew minn dejjem dawn ir-Rgħajja spiritwali lejn is-santwarju tal-Madonna tal-Ħerba. Il-Kanonku Vella Apap jitkellem ukoll dwar id-diversi xirkiet imwaqqfa fi ħdan is-Santwarju Karkariż u kif maż-żmien nibtet u seħħet ix-xewqa tal-inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Ħerba. F'din il-publikazzjoni, b'qoxra tassew sabiħa ta' Pierre Portelli, imżewwqa b'għadd sabiħ ta' ritratti bil-kulur, xogħol ir-Rettur nnifsu, wieħed jieħu idea ċara ta' bosta opri li bihom huwa mżejjen is-santwarju.

Lejn tmiem dan ix-xogħol, l-awtur jitkellem dwar ir-Rettur preżenti tas-santwarju ul-ħidma tiegħu bla ma taqta' biex ikompli jtejjeb u jattrezza dejjem aktar dan il-post qaddis li huwa mżejjen b'għadd ta' privileġġi u indulġenzi. Ma' din il-lista ta' unuri, Dun Nikol iżid oħra ta' xi wħud mill-prokuraturi tas-Santwarju li ġew bejn is-snin 1716 u 1992.

Fit-tieni parti tal-ktieb insibu tagħrif dwar għadd kbir ta' kwadri *ex-voto*. Il-kwadri huma mqassma f'żewġ taqsimiet: dawk marittimi, magħmulin min-nies tal-baħar, u l-bqija juru grazzja ta' fejqan minn mard u tiġrib ieħor.

Inħoss li għandi nagħti prosit lill-Kan. Nikol Vella Apap għal din il-biċċa xogħol tajba li għadu kemm tana.

**Kav. Joe M. Attard**

MALVI GARAGE
Silencer Manufacturer
Għal kull tiswija
jew bdil ta'
SILENCERS
Triq il-Mithna, QALA.
Tel: 563558 • Fax: 559702

MARIO PORTELLI
WOODWORKS
Manufacturers of high quality
furniture and interior fitments.
We guarantee excellent
craftsmanship.
5 St. Joseph Street, Qala, Gozo
Tel / Fax: 562985

# Għawdex Sportiv

jikteb Joe Bajada

## XEWKIJA TIGERS JIRBĦU L-EWWEL UNUR STAĠJONALI



Xewkija Tigers kisbu l-ewwel unur staġjonali tal-GFA meta rebħu t-Tazza Indipendenza. Fil-finali ta' l-20 edizzjoni huma rebħu lil Nadur Youngsters b'doppjetta tad-debuttant Chris Camilleri. Kienet finali interessanti b'Xewkija organizzati aħjar. Huma stinkaw l-iktar, u kienu wkoll iktar preċiżi mill-avversarji. Fil-fatt, Nadur Youngsters, minkejja li għamlu l-almu tagħhom, batew biex tellgħu l-ballun f'nofs il-grawnd, u kienu wkoll pjuttosT traskurati fil-konklużjonijiet tagħhom.

Il-gowls li taw dan it-tieni suċċess fit-Tazza Indipendenza waslu fid-19-il minuta b'kannonata mill-isbaħ ta' Chris Camilleri minn tarf il-kaxxa li ma tat l-ebda ċans lil Attard li jilqa'. Imbagħad fis-27 minuta tat-tieni taqsima l-istess Camilleri approfitta minn pass lura fid-difiża u b'xutt fuq il-ġirja ssiġilla r-rebħa biex kiseb doppjetta personali. Bejn dawn iż-żewġ gowls, Nadur kienu ġabu d-*draw* momentanju b'gowl ta' Anthony Portelli fl-45 minuta. Fi tmiem il-finali, l-Avukat Chis Said, President tal-GFA, ippreżenta t-Tazza Indipendenza lil Charles Azzopardi, kaptin ta' Xewkija Tigers.



Biex waslu sal-finali Xewkija eliminaw 3-0 lil St. Lawrence Spurs fil-kwarti finali u lil Xagħra United 2-1 fil-ħin barrani fis-semi finali. Min-naħa tagħhom, Nadur sabu posthom fil-finali wara rebħiet ta' 3-2 fuq SK Victoria Wanderers u 1-0 fuq Victoria Hotspurs fil-kwarti finali u fis-semi finali rispettivament. Matul il-kompetizzjoni saru ħdax-il partita: erba' fir-rawnd preliminari, erba' oħra fil-kwarti finali, tnejn fis-semi finali, u l-oħra fil-finali. Tliet partiti ġew deċiżi bil-*golden goal*, jiġifieri fil-ħin barrani, u oħra ġiet deċiża bil-penaltis. Ġew skurjati 28 gowl, u bħal l-aħjar skorers spiċċaw Anthony Portelli ta' Nadur Youngsters u David Portelli ta' SK Victoria Wanderers, it-tnejn bi tliet gowls kull wieħed.



### TAZZA INDIPENDENZA 2000-2001

**RIŻULTATI**

**Rawnd Preliminari**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Qala St. Joseph | 0 (0) | SK Victoria Wanderers | 2 (1) |
| Għajnsielem | 0 (0) | Żebbuġ Rovers | 1 (0) |
| *(fil-ħin barrani)* | | | |
| Oratory Youths | 1 (0) | Sannat Lions | 1 (1) |
| *(Oratory Youths għaddew 4-2 bil-penaltis)* | | | |
| Għarb Rangers | 1 (0) | St. Lawrence Spurs | 3 (1) |



**Kwarti Finali**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Nadur Youngsters | 3 (2) | SK Victoria Wanderers | 2 (1) |
| Victoria Hotspurs | 2 (1) | Żebbuġ Rovers | 1 (1) |
| Xewkija Tigers | 3 (1) | St Lawrence Spurs | 0 (0) |
| Xagħra United | 1 (0) | Oratory Youths | 0 (0) |
| *(fil-ħin barrani)* | | | |

**Semi Finali**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Nadur Youngsters | 1 (0) | Victoria Hotspurs | 0 (0) |
| Xagħra United | 1 (1) | Xewkija Tigers | 2 (0) |

**Finali**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Nadur Youngsters | 1 (1) | Xewkija Tigers | 2 (1) |

**Min skorja t-28 gowl**

| | |
|---|---|
| 3 gowls: | Anthony Portelli (Nadur Y); David Portelli (SK Victoria W) |
| 2 gowls: | Terek Belhaj, Chris Camilleri (Xewkija T); Sylvan Galea (Żebbuġ R): Louis Galea (St. Lawrence S) |
| 1 gowl: | Dominic Cilia, Charlie Azzopardi, Ino Mifsud (Xewkija T); Joseph Portelli, Charlie Attard (Nadur Y); Jason Portelli, Noel Borg (Victoria H); Mario Gauci, Joseph Bartolo (Xagħra U); Renzo Formosa (St. Lawrence S); Mario Farrugia (Oratory Y); Mark Formosa (Sannat L); Roy Vella (Għarb R) |
| Awto-gowl: | Kenny Grima (Qala SJ) [vs Victoria W ... 0-2] |

## SONNY BORG FIL-MARATONA TA' RIO DE JANEIRO FIL-BRAŻIL

Għal darb'oħra l-maratoneta Għawdxi Sonny Borg ħa sehem f'kompetizzjoni internazzjonali bi skop ta' solidarjetà. Sonny hu sinonimu ma' attivitajiet simili, u ħa sehem fil-Maratona ta' Rio nhar il-Ħadd 27 ta' Awissu.

L-iskop prinċipali f'din il-15-il parteċipazzjoni tiegħu f'avvenimenti internazzjonali kien li jiġbor flus għal żewġ missjunarji Għawdxin li l-parroċċi tagħhom fil-Brażil ġew milquta minn għarar kbIr fil-bidu ta' Awissu li għadda, li ħalla diversi mejta u ħafna eluf mingħajr dar. Dawn il-qassisin huma Dun Jimmy Xerri u Dun Alex Cauchi. Sonny Borg, li bħas-soltu joħroġ l-ispejjeż personali minn butu, irnexxielu jiġbor is-somma sabiħa ta' Lm1,100, li Lm100 minnhom għaddihom lid-Dar tal-Provvidenza fis-Siġġiewi.



Sonny Borg jippreżenta s-somma sabiħa lil Fr. Jimmy Xerri fil-preżenza ta' Fr. Eddie

Għal Borg din il-Maratona ta' Rio kienet waħda mill-iżjed diffiċli għall-fatt li mhux biss wasal il-Barżil lejlet it-tiġrija, imma wkoll għax il-korsa kienet kważi kollha għat-telgħa. Madankollu, Sonny rnexxielu jispiċċa fil-247 post minn fost 10,000 atleta. Borg kien l-uniku atleta Malti f'din il-maratona, jekk mhux ukoll l-ewwel Malti li qatt ħa sehem f'din il-maratona partikulari.

Sonny Borg jixtieq jieħu din l-okkażjoni biex, minbarra li jirringrazzja lil kull min offra l-għajnuna finanzjarja tiegħu, jappella lil kull min irid ikompli joffri l-għajnuna għal dawn iż-żewġ missjunarji Għawdxin billi jikkuntattja lil Dun Eddie Zammit, Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb, Triq Sir Pawlu Boffa (tel. 551966).



# Mid-dinja Teknoloġika

rubrika ta' **Pierre J. Mejlak**

*Aħbarijiet mid-dinja virtwali*

## Ftehim internazzjonali mistenni jagħti ġlieda ħarxa lill-hackers

Trattat internazzjonali bil-għan li jiġġieled kontra c-ciber-kriminalita' (cybercrime) mistenni jwassal biex ċerti programmi li llum jintużaw minn kull sid ta' website, isiru llegali. Id-Draft Convention on Cybercrime, ippubblikkat mill-Kunsill tal-Ewropa, mistenni jindirizza l-problema ta' hacking bl-akbar serjeta' u jipproponi diversi mezzi kif din il-problema tista' tiġi megħluba. Aktar minn 40 pajjiż, fosthom l-Istati Uniti, qed jippartecipaw f'dan il-ftehim, li mistenni jiġi ffirmat ix-xahar li ġej (Diċembru) u adottat mill-Kunsill tal-Ewropa fil-Ħarifa tas-sena li ġejja. Skond dan it-trattat, kull "produzzjoni, bejgħ, użu u distribuzzjoni" ta' apparat, li jinkludi programm bil-għan li jagħmel ħsara, iħassar jew ibiddel settings mingħajr l-awtorizzazzjoni, ser isir illegali. Din is-sena tibqa' magħrufa fid-dinja teknoloġika għall-ammont ta' attakki mill-hackers fuq siti kbar, bl-ikbar wieħed ikun dak imsejjaħ "I Love You Virus", oriġinat mill-Filippini u l-attakk tremend fuq is-sistema kompjuterizzata tal-Microsoft.

Iżda mhux kulħadd huwa kuntent b'dan it-trattat. Ħafna sidien ta' websites kbar qed isostnu li dan it-trattat ħa jagħmel illegali ċerti programmi li huma utli ħafna għalihom. F'ittra li kitbu lill-Kunsill tal-Ewropa dawn saħqu li "dawn il-programmi huma bħal sikkina: jistgħu jintużaw għat-tajjeb u għall-ħażin, u huwa diffiċli biex wieħed jiddetermina l-intenzjoni ta' dak li juża l-oġġett."

### *Anke l-Għawdxin jesperimentaw bil-hacking!*

Iva l-hacking jinsab magħna kullimkien; anke fil-gżira ċkejkna tagħna. Għadd ta' persuni, l-aktar żgħażagħ, bdew jesperimentaw... Il-fatt li l-internet f'Malta għadu fenomenu ġdid u t-tagħlim għadu pjuttost limitat, l-hacking li għandna preżenti huwa limitat ukoll. L-aktar tip ta' hacking komuni fost iż-żgħażagħ Maltin huwa dak ta' "tpattija" jew "ċajta goffa" billi tuża l-indirizz elettroniku (ip address) ta' user partikulari biex tidħol fis-sistema privata tiegħu. Għal-lista sħiħa ta' prevenzjonijiet kontra l-hacking nissuġġerilek tara l-artiklu tiegħi tax-xahar ta' Ġunju - Lulju bl-isem "I Love You - u le aħjar xejn!" Jekk tissuspetta f'xi ħadd li qed jipprova jiħħekkja s-sistema tiegħek, hu importanti li tinnota l-ip address tat-tali flimkien mal-ħin eżatt li fih ikun online u tirrapporta minnufih lill-ISP tiegħek. B'hekk dan l-"intelletwali" jkun jista' jiġi nterċettat u jekk ikun il-bżonn, imwaqqaf!

### *Attakkata l-website tan-New York Yankees*

Dak li l-Mets m'għamlux lin-New York Yankees fil-ground, għamlu hacker Amerikan, li wasal biex kisser il-website tat-team tal-baseball tan-New York. Is-sit uffiċjali tagħhom ġie magħluq ftit sigħat wara li l-Yankees rebħu lil Mets bl-iskor ta' 4-2. Il-każ issa għadda f'idejn l-FBI għall-invesitgazzjoni. Imma t-tekniċi tal-Yankees kienu pronti u ftit sigħat wara l-attakk, is-sit infetaħ mill-ġdid b'libsa ġdida - il-paġna prinċipali tas-sit kienet turi b'titi kbar il-kliem "CHAMPIONS!" bil-logo bil-kulur *World Series 2000.*

# TERRY'S FABRICS




*Fabric and Sewing accessories for all occasions at reasonable prices.*
*Specialises in School Uniforms and Badges.*

***Tiġrija Palazz - Victoria, Gozo.***
***Tel: 559329***

## Sewing Lady

*another branch of Terry's Fabrics*

where you can find the largest range of Sewing accessories on the Island.

***Bust Buy Shopping Arcade, Victoria.***




**The new D4D. Our most advanced diesel engine ever, engineered to deliver both poise and power.** Now the Toyota Avensis diesel incorporates common-rail direct-injection technology. And while common-rail may not be exclusive to Toyota, the refinement and engineering excellence that the Avensis represents is very much exclusive to Toyota.

You see, quite simply, it's a better car. Whatever engine option you choose. You don't want to compromise and neither do we. Find out just what it feels like inside, when you're inside the Toyota Avensis D4D or TD.







The Avensis.
Inner peace as standard.

**debono** Rohan Arch, Zebbug. Tel: 465806, 465642. Fax: 464095
Gozo Dealer: PARDI ENTERPRISES LTD. Tel: 556678, 553715.

TOYOTA